# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 1016/2017 ISB**

**Carmelo Brincat, karta ta' identità numru 253046M, Louis Camilleri karta ta' identità numru 623232M, Francis Gambin passaport nnumru 349712, Maria Camilleri karta ta' identità numru 268045M u Maurice Mizzi karta ta' identità numru 84036M, kollha bħala azzjonisti tas-soċjetà Leisure and Theme Park Limited**

**Vs**

**Leisure and Theme Park Limited, numru ta' reġistrazzjoni C 8161, Patrick Vella, karta ta' identità numru 106067M bħala direttur tas-soċjetà Leisure and Theme Park Limited, u P.D.K. Investments Ltd, numru ta'**

**reġistrazzjoni C 8443, Salamanda Limited, numru ta' reġistrazzjoni numru C 11727, Gerald Brincat karta ta' identità numru 700357M u Joseph Brincat, karta ta' identità numru 567839M bħala azzjonisti tas-soċjetà Leisure Theme Park Limited għal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Carmelo Brincat et**, intavolat fis-7 ta' Novembru 2017, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

*a tenur ta` l-artikolu 402 u 403(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji taghti dawk l-ordnijiet u direttivi necessarji sabiex il-pregudizzju u l-oppressjoni fil-konfront tar-rikorrenti jieqaf taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi dan huwa rikors a tenur ta` l-Artikolu 402 tal-Att dwar l-Kumpanniji, Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta; is-socjeta` in kwistjoni hija Leisure and Theme Park Limited. Illi din s-socjeta hija private limited liability company u giet kkostitwita principalment sabiex tiggestixxi u tamministra l-park maghruf bhala Splash & Fun Park li jinsab f'Bahar ic-Caghaq. Wiehed mid-diretturi prezenti tal-kumpannija huma l-intimat Patrick Vella, li minbarra li jamministra u jiggestixi din l-kumpannija huwa wkoll wiehed mid-diretturi tas-socjetajiet intimati PDK Investments Limited u Salamanda Limited;*

2. *Ir-rikorrenti ghandhom s-segwenti ishma bejniethom :*

| | | |
|---|---|---|
| *i)* | *Carmelo Brincat –* | *3,146 ordinary shares;*<br>*20,000 ordinary class B shares;*<br>*639 ordinary class E shares;*<br>*846 ordinary class G shares* |
| *ii)* | *Louis Camilleri -* | *1,000 ordinary shares;*<br>*20,000 ordinary class D shares;*<br>*900 ordinary class E shares;*<br>*1,500 ordinary class G shares* |

*iii) Francis Gambin - 10,000 class F shares;*
*1,148 class G shares*

*iv) Louis u Maria Camilleri – 236 ordinary shares*

*v) Maurice Mizzi - 7,566 ordinary shares*

3. *Illi kull azzjoni tas-socjeta ghandha valur ekwivalenti ghal zewg Euro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta (€ 2.329373); illi ghalhekk il-kapital azzjonarju tar-rikorrenti huwa b'kollox ta' mija sitta u hamsin elf u tlieta u ghoxirn euro u tlieta u sebghin centezimi (€ 156,023.73) diviz kif spjegat hawn fuq;*

4. *Minn naha l-ohra l- intimati ghandhom s-segwenti ishma:*

i) *P.D.K. Investments Limited - 31,434 class A shares;*
*15,000 class C shares;*
*13,461 class E shares;*
*26,006 class G shares;*
*5,618 ordinary shares*

*ii) Salamanda Limited - 10,000 class F shares;*
*500 class G shares;*
*1,000 ordinary shares*

*iii) Gerald Brincat - 1,000 class A shares;*

*iv) Joseph Brincat - 5,000 class E shares*

5. *Illi dan r-rikors qed isir ghaliex r-rikorrenti bhala azzjonisti minoritarji tas-socjeta ntimata Leisure and Theme Park Limited qed ihossu li l-kumpannija qed titmexxa b'mod illi huwa oppressiv, ingustament diskriminatorju jew ingustament ta` pregudizzju ghalihom bhala azzjonisti minoritarji, kif ukoll kontra l-interess tal-membri tal-kumpannija u tal-kumpannija l-assi u n-negozju taghha;*

6. *ILLI l-pregudizzju fost affarijiet ohra jikkonsisti filli:*

   a. *Is-socjeta` qeghda titmexxa fl`interess predominanti ta' wiehed mid-direttur li huwa Patrick Vella. Illi r-rikorrenti Francis*

*Gambin u Louis Camilleri, rrizenjaw mill-kariga taghhom bhala diretturi u dan wara li kienu taw r-ragunijiet taghhom f'ittra mibghuta lil Bord tad-Diretturi, ghal liema ittra huma qatt ma rcevew risposta. Fost l-ilmenti taghhom kien hemm :*

- *li ma kienx hemm laqghat tad-diretturi regolari;*
- *d-dejn konsiderevoli li s-socjeta kienet u qeghda qed tinkorri;*
- *proceduri legali li dwarhom Patrick Vella ma kienx informa lid-diretturi l-ohra;*
- *ftehim li kien sar ghal kiri tal-Splash & Fun Park, liema ftehim ma kienx ingab a konjizzjoni tad-Diretturi u li fl-ahhar rrizulta f'telf ghal kumpannija;*
- *li l-impjegati tas-socjeta ma kienux qed jithallsu regolarment;*
- *l-audited accounts ma kienux qed jigu sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti;*
- *thassib serju dwar s-sigurta tal-Splash & Fun Park*

*b. Illi prezentement l-Bord tad-Diretturi mhuwiex kkostitwit ai termini tal-Memorandum and Articles of Association – Dok A; Skond il-Memorandum, ghandu jkun hemm Bord tad-Diretturi ta' mhux anqas minn hames diretturi u mhux aktar minn tmienja u li jkun hemm direttur ghal kull tip ta' klassi ta' ishma; izda prezentement hemm inqas min hames diretturi u t-tipi differenti ta' ishma mhumiex rapprezentati; Illi dan certament mhuwiex fl-interess tas-socjeta Leisure and Theme Park Limited, liema sitwazzjoni qed tikkrea pregudizzju serju lir-rikorrenti, u mhuwiex fl-ahjar interess tas-socjeta;*

*c. Illi hemm traskuragni grossolana fl-andament ta` l-affarijiet tas-socjeta`, b`mod illi prezentement l-kumpannija ghandha dejn mad-Dipartiment tal-VAT, mad-Dipartiment tal-Inland Revenue, mal-ARMS, mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u ma ohrajn. B'dan l-agir l-kumpannija qed tinkorri f'multi u interessi, u hemm numru ta' proceduri legali fil-konfront tal-kumpannija minhabba dawn n-nuqqasijiet; ir-rikorrenti, Louis Camilleri u Francis Gambin, ghalkemm m'ghadhomx diretturi tal-kumpannija ghadhom jircievu akkuzi fil-konfront taghhom mill-Qorti tal-Magistrati;*

*d. Illi b'konsegwenza ta' dan l-agir negligenti u rresponsabbli ta' Patrick Vella, r-rikorrenti huma kkoncernati wkoll dwar s-sigurta tal-Splash and Fun Park; illi ghalkemm kien sar Risk Assessment Report f'Mejju 2015, ma ttiehdu l'ebda passi mill-*

*amministrazzjoni tal-kumpannija, biex jigi mplimentat dak li hemm rakkomandat fir-Rapport;*

*e. Illi bhala konsegwenza tat-tmexxija hazina tal-kumpannija, l-audited accounts tal-istess, ilhom ma jigu pprezentati lill-awtoritajiet koncernati mis-sena 2013, ghalkemm ir-rikorrenti ghamlu diversi talbiet lil Patrick Vella sabiex dawn jigu sottomessi – talbiet li gew injorati;*

Rat **id-digriet** tagħha, kif diversament preseduta, tad-9 ta' Novembru 2017 u li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2019 fid-9:00 a.m.

Rat ir-risposta tal-intimati **Leisure & Theme Park Limited, Patrick Vella, P.D.K. Investments Limited** u **Salamanda Limited** intavolata fit-12 ta' Diċembru 2017 u li permezz tagħha eċċepew:

1. *Illi l-eccipjenti jichdu li b'xi mod taw lok ghal pregudizzju u/jew oppressjoni u/jew kienu l-kagun ta' atti diskriminatorji fil-konfront tar-rikorrenti. Ghaldaqstant ma tezisti ebda htiega ta' kwalunkwe ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex twaqqaf jew trazzan lill-eccipjenti kif rikjest fir-rikors promotur. L-anqas ma huwa minnu kif allegat mir-rikorrenti Brincat Carmelo et. illi l-kumpanija qed titmexxa kontra l-interess tal-membri taghha u l-assi u n-negozju taghha.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-generalita' tal-ewwel difiza taghhom, l-esponenti ser jghaddu sabiex jirribattu l-allegazzonijiet maghmula fl-artikolu 6 tar-rikors promotur:*

   i. *Ma huwiex minnu li l-kumpanija qieghdha titmexxa fl-interess ta' l-eccipjenti Patrick Vella.*

   ii. ***Kien fis-sena 2013*** *(ghalhekk iktar minn 4 snin ilu) li Francis Gambin u Louis Camilleri rrizenjaw minn jeddhom mill-kariga ta' diretturi.*

   iii. *Apparti li kif rajna dana kien iktar minn* ***erba' (4) snin mid-data tal-intavolar ta' dana r-rikors****, l-allegazzjonijet maghmula minn Francis Gambin u Louis Camilleri fl-ittra ta' rizenja taghhom huma kollha inveritjiera:*

   iv. *L-ilment dwar nuqqas ta' laqghat regolari tad-diretturi – Francis Gambin u Louis Camilleri setghu facilment isejhu*

*laqghat, haga li ma ghamlux. Kien ikun differenti kieku ittantaw isejhu laqghat u l-eccipjenti ttantaw irazznuhom jew ixekkluhom milli jinzammu. Li hu zgur huwa li l-eccipjenti ma jistghux jigu mizmuma responsabbli ghan-nuqqas ta' interess minn-naha taghhom. Ghalhekk l-ilment taghhom huwa wiehed totalment fieragh.*

***v.*** *Id-dejn tal-kumpanija fil-fatt naqas sostanzjalment. Jekk gie nkors dejn dana kien mehtieg ghall-operat u ghall-avvanzament tal-kumpanija u ghall-ebda raguni ohra.*

*vi.* *L-esponenti ma jafux ghal liema proceduri legali qieghdin jirreferu r-rikorrenti. Apparti minn hekk kieku tassew hadu interess fit-tmexxija tal-kumpanija kienu jkunu dejjem aggornati ahjar. L-esponenti ma jistghu jigu qatt akkolati b'responsabilita' minhabba l-inattivita' u n-nuqqas ta' interess tar-rikorrenti.*

*vii.* *L-esponenti ma jafu b'ebda ftehim li seta sar jew li kien ser isir ghall-kiri tal-iSplash and Fun Park – tant hu hekk li dana qatt ma kien ser jinkera, u fil-fatt ma inkeriex.*

*viii.* *L-impjegati tal-kumpanija jinsabu kollha mhallsa u kwalunkwe vertenza li seta' kien ma impjegati ilha zmien li giet rizolta.*

*ix.* *L-audited accounts gew kollha prezentati, ghajr ghal dawk tas-sena 2016.*

*x.* *L-esponenti ma jistghux jifhmu ghal liema thassib serju qieghdin jirreferu r-rikorrenti ghal dak li jirrigwarda s-sigurta' tal-iSplash & Fun Park. Li kieku r-rikorrenti ndagaw sewwa qabel ma ressqu dina r-rikors kienu jsibu li l-park huwa fully compliant ghal dak li jirrigwarda health and safety requirements_u kull tip ta' rekwizit ta' sigurta' iehor, hekk kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni ta' dana r-rikors.*

*xi.* *Kostituzzjoni tal-Bord tad-Diretturi – huma l-istess rikorrenti li naqsu milli jappuntaw diretturi u ta' dan zgur li ma jistgux jinzammu responsabbli l-esponenti. Apparti minn hekk ir-rikorrenti xejn ma kkollaboraw sabiex jigu appuntati diretturi.*

*xii.* *Ma hemm ebda traskuragni grossolana fit-tmexxija tal-kumpanija.*

xiii. *Ma hemm ebda dejn pendenti mal-Arms Limited, filwaqt li l-kumpanija qieghdha thallas regolarment lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, u lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u dana bi qbil mal-istess dipartimenti. Jigi enfasizzat illi kien hemm tnaqqis sostanzjali f'dawna d-djun tal-kumpanija, hekk kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Dana huwa maghruf mir-rikorrenti.*

xiv. *Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, jinhad illi qieghdin isiru pagamenti regolarment stante li l-kumpanija qieghdha tistenna konferma ta' remission mid-Dipartiment Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Ghalhekk il-hlasijiet ma humiex qieghdin jigu allokati kontra l-perijodi ta' taxxa miftuhin imma qieghdin jinzammu on account, u dana peress li jekk jinqatghu kontra perijodi miftuhin r-remission ma tkunx tista' tinghata. Dana kollu ovvjament fl-interess tal-kumpanija. Waqt il-proceduri jekk hemm bzonn tingieb prova ta' l-hlasijiet kollha li gew maghmula f'dak ir-rigward.*

xv. *Audited accounts gew kompletati u filed sas-sena 2015, u dana **qabel** l-intavolar ta' dana r-rikors, ovvjament wara li gew approvati mill-azzjonisti u mid-diretturi – inkluzi r-rikorrenti.*

3. *Jigi rilevat ulterjorment illi:*

a. *Inkredibilment inzamm general meeting tal-kumpanija fil-**31 ta' Ottubru 2017**, proprju ftit granet qabel ma giet mibdija dina l-procedura. Waqt il-kawza ser jigu ezebiti l-minuti tal-laqgha, u dawna ser jikkonfermaw ulterjorment lil dina l-Qorti kemm hija fiergha dina l-azzjoni. Biss biss f'dika l-laqgha gew approvati l-accounts tal-kumpanija anke mi-rikorrenti atwtali. Jinghad ukoll li l-esponenti kienu sejhu general meeting f'Gunju 2017 izda ma nzammitx ghaliex ir-rikorrenti kienu ilmentaw li ma kenitx issejhet skond l-istatut tal-kumpanija jew mhux skond kif tirrikjedi l-ligi.*

b. *Huwa l-esponenti Patrick Vella li jiddedika tista' tghid il-hin kollu tieghu ghat-tmexxija tal-iSplash & Fun Park. Li kieku ma kienx ghalih u s-sagrificji kbar maghmula minnu, inkluzi finanzjarji, il-park ma kienx ikun fl-istat attwali tieghu, li huwa ferm u ferm ahjar minn snin antecedenti.*

c. *Illi r-rikorrenti jafu ben tajjeb li l-park intlaqat f'mod negattiv hafna matul dawk is-snin li fihom kienu qieghdin isiru xogholijiet estensvi fuq il-coast road, u ta' dan zgur li ma jahtu xejn l-esponenti.*

d. *Id-dejn tal-kumpanija naqas sostanzjalment matul is-snin, u dana huwa proprju l-kuntrarju tal-impressjoni li qieghdin jittantaw jaghtu r-rikorrenti f'dina l-procedura. Dana l-fatt ser ikun facilment ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

e. *Ikun ukoll interessanti meta waqt it-trattazzjoni tal-kawza dina l-Qorti jkollha l-opportunita' tara kif kemm ilu li dahal fix-xena l-esponenti Patrick Vella id-dejn naqas sewwa u l-miljoramenti estensivi li saru fil-park inniffsu.*

f. *Waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-esponenti ser jispjegaw ukoll kif matul is-snin jew huma jew kumpaniji ohra relatati maghhom (group companies) taw garanziji sostanzjali favur kredituri tal-kumpanija, u dana apparti self avvanzat direttament lil kumpanija.*

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2017, l-intimati Gerald Brincat u Joseph Brincat taw ruħhom b'notifikati u ddikjaraw li mhux ser jippreżentaw risposta.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2018, ir-rikorrenti ppreżentaw nota (fol 21) b'diversi dokumenti, fosthom erba' affidavits, dawk ta' **Francis Gambin, Maurice Mizzi, Louis Camilleri u Alex Brincat** (fol 22 sa fol 139).

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' April 2018 xehdu **Johanna Bartoli in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc** li ġiet eżentata mis-sigriet bankarju u ppreżentat tmien dokumenti (Dok BOV1 sa Dok BOV 8, fol 162 sa fol 353) l-**PL Quentin Tanti in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** u ppreżenta tliet dokumenti (Dok MFSA 1 sa Dok MFSA 3, fol 358 sa fol 799) u **Hector Spiteri**, ilkoll prodotti mir-rikorrenti.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-26 ta' April 2018, ir-rikorrenti ppreżentaw nota (fol 800) bi tliet dokumenti (Dok AMB1 sa Dok AMB3, fol 801 sa fol 859).

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2018, xehed **Victor Mizzi** prodott mir-rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2018, xehdu **Alison Mifsud Brimmer in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc** li ġiet eżentata mis-sigriet

bankarju, **Jeanette Lepre in rappreżentanza ta' Lombard Bank plc** li ġiet eżentata mis-sigriet bankarju, **Nadine Fabri in rappreżentanza ta' BNF Bank plc** li ġiet eżentata mis-sigriet bankarju, **Doris Ebejer**, u **Gilbert Portelli**, ilkoll prodotti mir-rikorrenti.

Rat ukoll fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2018, saret id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi ħlief għall-affidavit u numru ta' dokumenti li obbligat ruħha li tippreżenta fil-mori tad-differiment.

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fit-2 ta' Novembru 2018 (fol 900) li permezz tagħha ippreżentat affidavit ta' **Dr Carmelo Brincat** flimkien ma numru ta' dokumenti oħra (fol 901 sa fol 932).

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Diċembru 2018, xehdu in kontro-eżami **Louis Camilleri** u **Maurice Mizzi.**

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2019, l-intimati ppreżentaw l-*full audits* għas-snin 2008 sal-2014 (fol 959 sa fol 1034)

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2019, xehed **l-Awditur Hector Spiteri** li ppreżenta żewġ dokumenti (Dok HS1 u Dok HS2, fol 1044 sa fol 1049) u ġie eżentat mill-obbligu tal-kunfidenzjalità fir-rigward tal-kumpanija Marineland Limited.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2019 xehed in kontro-eżami it-**Tabib Dr Carmelo Brincat**.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Mejju 2019 xehdu in kontro-eżami t-**Tabib Dr Carmelo Brincat** li ppreżenta tliet dokumenti (Dok CB10 sa Dok CB12, fol 1106 sa fol 1108) u **Alex Brincat.**

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrenti ddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2020, xehed l-**intimat Patrick Vella** minn jeddu u ppreżenta dokument (Dok PV1, fol 1158 sa fol 1161).

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2020 kompla jixhed l-**intimat Patrick Vella** minn jeddu u ppreżenta ħames dokumenti (Dok PV1 sa Dok PV5, fol 1177 sa fol 1217).

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2021 kompla jixhed l-**intimat Patrick Vella** minn jeddu u ppreżenta għaxar dokumenti (Dok PV6 sa Dok PV15, fol 1219 sa fol 1282).

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2021 kompla jixhed l-**intimat Patrick Vella** minn jeddu u ppreżenta għaxar dokumenti (Dok PV 16 sa Dok PV 25, fol 1298 sa fol 1380).

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2021, l-intimati ppreżentaw affidavit tal-**intimat Patrick Vella** b'żieda mad-depożizzjoni tiegħu b'disa' dokumenti annessi (Dok PV 26 sa Dok PV34, fol 1382 sa fol 1459).

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2021, xehed **Paul Mifsud** u ppreżenta erba' dokumenti (Dok PM1 sa Dok PM4, fol 1484 sa fol 1487).

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2022 rega' xehed **Paul Mifsud,** issa in kontro-eżami u ppreżenta dokument (Dok PM5, fol 1497).

Rat in-nota ta' Paul Mifsud intavolata fil-15 ta' Ġunju 2022 (fol 1498) li permezz tagħha ppreżenta żewġ dokumenti (fol 1499 sa fol 1500).

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2023 xehed l-**intimat Patrick Vella** in kontro-eżami. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-partijiet li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-**Artikoli 402 u 403(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti jgħidu li huma azzjonisti minoritarji tas-soċjetà intimata **<u>Leisure and Theme Park Limited (LTPL)</u>**, fl-ishma kif elenkati fir-rikors promotur, u qed iħossu li l-kumpanija qed titmexxa b'mod illi huwa oppressiv, inġustament diskriminatorju jew inġustament ta' preġudizzju għalihom bħala azzjonisti minoritarji, kif ukoll kontra l-interess tal-membri tal-kumpanija u tal-kumpanija nnifisha, l-assi u n-negozju tagħha.

Jispjegaw li s-soċjetà LTPL hija kumpanija privata b'responsabilita` limitata u ġiet kkostitwita prinċipalment sabiex tiġġestixxi u tamministra l-park magħruf bħala Splash & Fun Park li jinsab f'Baħar iċ-Ċagħaq.

Jelenkaw l-ishma tagħhom u tal-intimati fil-kumpanija *de quo* bħala s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Carmelo Brincat | 3,146 ordinary shares<br>20,000 ordinary class B shares<br>639 ordinary class E shares<br>846 ordinary class G shares |
| Louis Camilleri | 1,000 ordinary shares<br>20,000 ordinary class D shares<br>900 ordinary class E shares<br>1,500 ordinary class G shares |
| Francis Gambin | 10,000 class F shares<br>1,148 class G shares |
| Louis u Maria Camilleri | 236 ordinary shares |
| Maurice Mizzi | 7,566 ordinary shares |
| P.D.K. Investments Limited | 31,434 class A shares<br>15,000 class C shares<br>13,461 class E shares<br>26,006 class G shares<br>5,618 ordinary shares |
| Salamanda Limited | 10,000 class F shares<br>500 class G shares<br>1,000 ordinary shares |
| Gerald Brincat | 1,000 class A shares |
| Joseph Brincat | 5,000 class E shares |

Jgħidu li wieħed mid-diretturi tal-kumpanija huwa l-intimat Patrick Vella li minbarra li jamministra u jiġġestixxi l-kumpanija *de quo* huwa wkoll wieħed mid-diretturi tas-soċjetajiet intimati PDK Investments Limited u Salamanda Limited.

Jelenkaw dak li fil-fehma tagħhom jikkonsisti fih il-preġudizzju u ċjoè:

a. Illi s-soċjetà qiegħda titmexxa fl-interess predominantament tad-direttur intimat Patrick Vella, filwaqt li r-rikorrenti Francis Gambin u Louis Camilleri rriżenjaw mill-kariga tagħhom ta' diretturi minħabba raġunijiet li elenkaw f'ittra li qatt ma ġiet imwieġba u ċjoè:

   i. Li ma kienx hemm laqgħat tad-diretturi regolari,
   ii. Li kien hemm proċeduri legali li Patrick Vella ma nfurmax lid-diretturi dwarhom,
   iii. Li kien sar ftehim għal kiri ta' Splash & Fun Park li ma kienx tpoġġa quddiem id-diretturi u li rriżulta f'telf,
   iv. Li l-impjegati tas-soċjetà ma kinux qed jitħallsu regolarment,
   v. Li l-kontijiet annwali ma kienux qed jiġu sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti, u,
   vi. Kwistjonijiet dwar is-sigurtà tal-Splash & Fun Park

b. Illi fil-preżent il-Bord tad-Diretturi mhuwiex kostitwit skont il-*memorandum & articles of association* tal-Kumpanija;

c. Illi kien hemm traskuraġni grossolana fl-andament tal-affarijiet b'tali mod illi l-kumpanija għandha dejn ma' diversi Dipartimenti u awtoritajiet li qed jinkorru multi u interessi;

d. Illi huma kkonċernati dwar is-sigurtà tal-Splash & Fun Park stante li minkejja *risk assessment* li sar fl-2015 ma ttieħdu ebda passi biex jiġu mplimentati r-rakkomandazzjonijiet;

e. Illi l-kontijiet annwali ilhom ma jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet ikkonċernati mis-sena 2013.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi min-naħa tagħhom l-intimati **LTPL, Patrick Vella, P.D.K. Investments Limited u Salamanda Limited** jgħidu li bl-ebda mod ma taw lok għal preġudizzju u/jew oppressjoni u/jew kienu l-kaġun ta' atti diskriminatorji fil-konfront tar-rikorrenti u għalhekk ma teżisti ebda ħtieġa ta' kwalunkwe ordni ta' din il-Qorti u lanqas mhu minnu li l-kumpanija qed titmexxa kontra l-interess tal-membri tagħha u l-assi u n-negozju tagħha.

Isostnu li mhux minnu li l-kumpanija qegħda titmexxa fl-interess ta' Patrick Vella. Jikkontendu li r-riżenja ta' Francis Gambin u Louis Camilleri tmur lura għas-sena 2013 u l-allegazzjonijiet magħmulha minnhom fl-ittra ta' riżenja huma kollha inveritiera. Jispjegaw li, dwar in-nuqqas ta' laqgħat regolari, Francis Gambrin u Louis Camilleri setgħu faċilment sejħu l-laqgħat huma, iżda dan m'għamluhx. Jgħidu li d-dejn tal-kumpanija naqas sostanzjalment u kien meħtieġ għall-operat u l-avvanzament tal-kumpanija nnifisha. Isostnu li ma jafux liema proċeduri legali ma kinux informati bihom ir-rikorrenti u jsostnu li kieku vera ħadu interess fit-tmexxija kienu jkunu aġġornati aħjar. Jispjegaw li qatt ma sar ftehim ta' kera fir-rigward tal-Splash & Fun Park. Isostnu li l-impjegati tal-kumpanija kollha jinsabu mħallsa mentri l-kontijiet annwali ġew sottomessi kollha ħlief tas-sena 2016. Jikkontendu li fejn tidħol is-sigurtà, l-park huwa *fully compliant* għal dak li jirrigwarda *health and safety requirements*. Isostnu li fir-rigward tan-numru ta' diretturi, huma r-rikorrenti li naqqsu milli jappuntaw diretturi u lanqas ma kkollaboraw sabiex dan iseħħ. Jinsistu li m'hemm ebda traskuraġni grossolana fit-tmexxija tal-kumpanija. Jispjegaw li m'hemm l-ebda pendenzi mal-Arms Limited filwaqt li hemm ftehim ta' ħlas mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali kif ukoll mall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, kif ukoll dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Jgħidu li fir-rigward tal-kontijiet annwali dawn saru u ġew sottomessi sas-sena 2015 u dana wara li ġew approvati mill-azzjonisti u mid-diretturi, inklużi r-rikorrenti.

Oltre minn hekk, jgħidu li nżammet laqgħa ġenerali tal-kumpanija fil-31 ta' Ottubru 2017 fejn ġew approvati l-kontijiet annwali tal-kumpanija mir-rikorrenti nfushom. Jispjegaw li huwa l-intimat Patrick Vella li jiddedika l-ħin kollu tiegħu għat-tmexxija tal-*Splash & Fun Park* u kieku dan il-park ma kienx ikun fl-istat attwali tiegħu. Jgħidu li l-park intlaqat b'mod negattiv matul is-snin li kienu qed isiru x-xogħlijiet fit-Triq tal-Kosta u dwar dan żgur

li ma jaħtux l-intimati. Oltre minn hekk, isostnu li d-dejn naqas sostanzjalment matul is-snin u jikkontendu li minn meta daħal fix-xena Patrick Vella, saru miljoramenti estensivi fil-park innifsu.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-**provi prodotti mir-rikorrenti**, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Fl-affidavit tiegħu, **Francis Gambin** jgħid li l-involviment tiegħu fis-soċjetà LTPL beda f'Mejju 1987 meta sar azzjonist tal-kumpanija u fis-16 ta' Ġunju 1995, kien ġie appuntat Direttur.

Jispjega li meta akkwista l-ishma fil-kumpanija hu kien jirrisjedi f'Dubai u baqa' jirrisjedi f'Dubai sas-sena 2010. Jgħid li meta kien jgħix f'Dubai kien jattendi għal-laqgħa annwali kull sena waqt il-btala tiegħu f'Malta u meta sar Direttur kien innomina numru ta' persuni li kienu jirrappreżentawh f'kull laqgħa u għalhekk kien iżomm ruħu nfurmat. Jgħid li matul dan il-perjodu qatt ma kien involut direttament fl-amministrazzjoni u fit-tmexxija ta' kuljum tal-kumpanija.

Jispjega li matul is-snin dejjem kellu relazzjoni tajba mal-azzjonisti u mad-Diretturi u kien joqgħod fuq il-pariri tagħhom minħabba li hu kien nieqes minn Malta. Dan kien jinkludi lil Patrick Vella li hu miżżewweġ lin-neputija tiegħu. Jispjega li r-relazzjoni bejniethom bdiet tiddeterjora meta Vella ħa l-kontroll assolut tat-tmexxija tal-kumpanija.

Jispjega li fis-16 ta' Jannar 2013, hu kien kiteb ittra lil Bord tad-Diretturi fejn elenka numru t'affarijiet li kienu qed jinkwetawh u dana stante li Patrick Vella ma kienx informa l-Bord dwarhom, iżda kien sar jaf bihom minn għand direttur ieħor, Dr Carmelo Brincat. Dan kien fir-rigward ta' kredituri li kellha l-kumpanija li kienu jinkludu d-Dipartiment tal-VAT, ARMS Limited, d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, d-Dipartiment tal-Artijiet u numru ta' kredituri oħra. Jgħid li fl-istess ittra kien anke rrimarka dwar il-fatt li l-kontijiet annwali tas-sena 2011 ma kinux finalizzati minkejja li kienet is-sena 2013. Jispjega li minħabba li ma rċieva ebda risposta u ebda nformazzjoni, hu ħass li ma setax jaqdi l-obbligi tiegħu bħala Direttur u b'hekk irriżenja fl-14 ta' Jannar 2013. Jgħid li l-istess ilmenti kienu ġew imqajma wkoll mill-azzjonist Louis Camilleri li offra l-ittra ta' riżenja tiegħu minn Direttur fit-2 ta' Settembru 2013.

Jgħid li wara r-riżenja tiegħu, fil-15 ta' Frar 2013, kien irċieva ittra mingħand Patrick Vella fejn dan kien ippropona li s-soċjetà PDK Investments tinnomina direttur sabiex jirrappreżenta l-'F' class shares, iżda hu kien wieġeb li ma jaqbilx ma dan. Jispjega li mill-informazzjoni li għandu sal-lum għad m'hemm ħadd jirrappreżenta dawn l-ishma minkejja li suppost hemm direttur li jirrappreżenta kull klassi ta' ishma.

Jgħid li wara li rriżenja kien staqsa lil Patrick Vella kif sejra l-kumpanija u dan kien wieġbu li la darba ma kienx għadu direttur ma kellu l-ebda obbligu jagħtih din l-informazzjoni. B'dana kollu ighid illi meta kien għadu direttur, u ċjoè fid-19 ta' Novembru 2010, hu kien irċieva ittra uffiċjali mid-Dipartiment tal-VAT rigward ħlasijiet li kellha tagħmel il-kumpanija li kienu jammontaw għas-somma ta' erba' mija u tnejn u tletin elf, sitt mija u tmienja u ħamsin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€432,658.52). Jgħid li in segwitu għal dan, id-Dipartiment tal-VAT kien fetaħ kawża fil-konfront tiegħu personali bħala Direttur tal-Kumpanija u in segwitu ta' dan kien sar ukoll Mandat ta' Sekwestru fejn l-Bank kien iddepożita l-ammont ta' ċirka mija u ħamsa u disgħin elf Ewro (€195,000) mill-kontijiet personali tiegħu fil-Qorti. Għalhekk jispjega li kien sar ftehim mal-kumpanija fejn il-kumpanija obbligat ruħha li jittieħdu l-passi neċessarji sabiex il-mandat jitneħħa u jiġi kkumpensat. Jgħid li fis-17 ta' Marzu 2012, Patrick Vella kien sellfu l-ammont ta' elf Ewro (€1,000) sabiex jgħinu finanzjarjament u fis-16 ta' April ta' wara kien rċieva s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000). Jispjega li l-mandat ta' sekwestru tneħħa fl-10 ta' Settembru 2012 u s-somma ta' mija u disgħin elf Ewro (€190,000) ġiet rilaxxata iżda l-ammont ta' elfejn, ħames mija u tlieta u erbgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€2,543.60) rappreżentanti spejjeż baqa' ma tħallasx tagħhom u għalhekk kien bagħat ittra tramite l-avukat tiegħu u sussegwentement ittra uffiċjali lill-kumpanija għal dan il-ħlas.

Jispjega li f'Novembru 2012, kien hemm korrispondenza bejn Carmelo Brincat u Patrick Vella li turi li Patrick Vella kien ħa deċiżjoni unilaterali sabiex juża kera li kienet nġabret minn Marine Land Limited sabiex iħallas kontijiet personali tiegħu.

Jelenka numru ta' drabi li hu kellu jidher il-Qorti minħabba numru ta' akkużi miġjuba kontrih, f'liema okkażjonijiet attenda wkoll l-Qorti f'isem l-azzjonisti, d-Diretturi u l-kumpanija Patrick Vella.

Jispjega li minħabba li ilu ma jirċievi informazzjoni dwar l-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija sa' mill-2013, ma jafx x'inhu l-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija, iżda jgħid u jippreżenta dokumenti li juru l-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija tul is-snin li ilu nvolut filwaqt illi jemfasizza l-perjodu bejn l-2008 u l-2013, fejn il-kumpanija ġiet ġestita minn Patrick Vella esklussivament u fejn il-kumpanija sofriet l-agħar telf li qatt kellha.

Jgħid li matul iż-żmien kollu li ilu azzjonist tal-kumpanija qatt ma rċieva divident iżda dan kien riżultat ta' rakkomandazzjoni mill-*management*.

Jgħid li meta kien involut hu l-awdituri tal-kumpanija kien Busuttil & Micallef li kien ilhom assoċjati mal-kumpanija għal madwar ħmistax (15)-il sena u kemm-il darba kien hemm kummenti li bidla setgħet tkun t'għajnuna għal kumpanija iżda din il-bidla, sal-2013, ma seħħitx, u għas-snin 2014, 2015 u 2016 ma rċieva l-ebda informazzjoni fir-rigward.

Jgħid li fis-17 ta' Ġunju 2017, waqt li kien barra minn Malta, rċieva messaġġ mingħand Carmelo Brincat fejn infurmah dwar laqgħa ġenerali annwali li kellha ssir fit-23 ta' Ġunju 2017. Jispjega li hu mal-ewwel informa lil Patrick Vella li kien ser ikun barra minn Malta u talbu jibgħatlu kopja tal-aġenda u l-kontijiet finanzjarji biex jarahom qabel il-laqgħa, izda kien wieġbu li l-laqgħa ma setgħetx tkun posposta u bagħtlu wkoll kopja tal-aġenda. Jgħid li minħabba li ma kienx hemm avviż ta' ħmistax-il jum kif stipulat fil-*Memorandum & Articles of Association*, hu flimkien ma' Dr Carmelo Brincat, Louis Camilleri u Maurice Mizzi talbu li l-laqgħa tiġi posposta, iżda għal din il-komunikazzjoni ma kienx hemm risposta.

Jispjega li sal-lum għadu ma rċeviex avviż formali għal-laqgħa ġeneral annwali sabiex jiġu diskussi r-rapporti finanzjarji għas-snin 2014, 2015 u 2016 u m'għandux informazzjoni jekk il-laqgħa tat-23 ta' Ġunju 2017 fil-fatt saritx.

Jirrakkonta kif f'Lulju tas-sena 2017 huwa mar l-Splash & Fun Park flimkien mal-mara tat-tifel u tliet neputijiet u nforma lil tal-biljetti li hu azzjonist u għalhekk ma jħallsux, proċedura li kien ilha minn dejjem u jgħid li ġie nfurmat li mingħajr biljetti ma setax jidħol. Jgħid li dak il-ħin ċempel lil Patrick Vella u dan infurmah li seta' jidħol biss min kellu biljetti validi u għalhekk qallu li ma kienx irċieva l-biljetti kif kien jirċievi ta' kull sena. Jgħid li Patrick Vella baqa' jinsisti dwar dan u ma daħħalhomx.

Jgħid li s-suespost huwa x'wassal sabiex jinbdew il-proċeduri odjerni sabiex jissalvalgwardaw l-interessi tagħhom bħala azzjonisti u sabiex jippruvaw isalvaw il-kumpanija. In sosten tal-affidavit tiegħu, ir-rikorrent Francis Gambin ippreżenta s-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok FG1: Ittra datata 16 ta' Jannar 2013 li permezz tagħha rriżenja mill-pożizzjoni tiegħu ta' Direttur tal-kumpanija LTPL;

Dok FG2: Ittra datata 2 ta' Settembru 2013 li permezz tagħha Louis Camilleri rriżenja mill-pożizzjoni tiegħu ta' Direttur tal-kumpanija LTPL;

Dok FG3: Ittra uffiċjali datata 19 ta' Novembru 2010 li permezz tagħha ġie interpellat iħallas is-somma ta' erba' mija u tnejn u tletin elf, sitt mija u tmienja u ħamsin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€432,658.52) bħala taxxa fuq il-valur miżjud;

Dok FG4: Mandat ta' Sekwestru kontra x-xhud għas-somma ta' erba' mija u tnejn u tletin elf, sitt mija u tmienja u ħamsin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€432,658.52);

Dok FG5: Ftehim datat is-7 ta' Frar 2012 bejn LTPL u Patrick Vella, Louis Camilleri u Francis Gambin fejn il-kumpanija intrabtet li tagħmel dak kollu possibli sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru *vis-a-vis* il-partijiet;

Dok FG6: Ittra Legali datata 22 ta' Frar 2013 mibgħuta għan-nom tax-xhud għal pagament tas-somma ta' elfejn, ħames mija u tlieta u erbgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€2,543.61);

Dok FG7: Ittra Uffiċjali datata 17 ta' April 2013 mibgħuta għan-nom tax-xhud għal pagament tas-somma ta' elfejn, ħames mija u tlieta u erbgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€2,543.61);

Dok FG8: Skambju ta' imejls rigward il-pagament tal-istess;

Dok FG9: Rendikont ta' bejgħ tas-soċjetà LTPL mis-sena 2003 sas-sena 2014;

Dok FG11: Skambju ta' imejls bejn ix-xhud u Patrick Vella rigward l-laqgħa annwali ġenerali ta' Ġunju 2017;

Dok FG12: Skambju ta' imejls bejn ix-xhud, Maria Camilleri u Maurice Mizzi u Patrick Vella rigward l-laqgħa annwali ġenerali ta' Ġunju 2017;

Dok FG13: Minuti tal-laqgħa ġenerali annwali datata 7 ta' Lulju 2005;

Dok FG14: Minuti tal-laqgħa ġenerali straordinarja datata 7 ta' Awwissu 2012;

Fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent **Maurice Mizzi** jgħid li hu xtara l-ishma fil-kumpanija LTPL kważi fil-bidu li ġiet imwaqqfa l-kumpanija, u dan meta John Ross kien ic-Chairman u hu kien Direttur. Jgħid li ftit snin wara John Ross miet u kien laħaq chairman hu.

Jispjega li Dr Charles Brincat u Ninu Vella, missier Patrick Vella, kienu jmexxu il-Park bħala Diretturi Maniġerjali konġunti waqt li hu kien jgħajjat il-laqgħat u jiċċerjahom u kien jieħu ħsieb ukoll l-affarijiet tal-Bord u xi affarijiet oħra. Jgħid li f'dak iż-żmien kienu kabbru il-park u żiedu pixxina għad-dniefel u d-djun kienu qed jiġu mħallsa regolarment.

Jispjega li wara xi tmien snin hu biegħ l-ishma tiegħu u rriżenja minn Chairman. Jgħid li partat karozza ma xi ishma tal-kumpanija fil-valur ta' erbgħin elf Ewro (€40,000). Jgħid li ma kienx jersaq lejn il-park ħlief bħala azzjonist iżda wara l-mewt ta' Ninu Vella beda jmur għax l-affarijiet tbiddlu għall-agħar. Jispjega li Patrick Vella xtara s-sehem ta' azzjonisti oħrajn u f'daqqa waħda kellu l-maġġoranza u minn dak iż-żmien beda jidher daqs li kieku l-park kollu sar tiegħu.

Jgħid li nnota li l-flus li jinġabru mill-park kienu qed imorru fil-kont personali ta' Patrick Vella mingħajr ma jingħataw rendikont l-azzjonisti, liema azzjonisti kienu ilhom ma jaraw kontijiet finanzjarji mis-sena 2014 u għalhekk ma jafux f'liema stat finanzjarju kienet tinsab il-kumpanija. Jgħid li milli jidher huma bosta d-djun li ħakmu l-kumpanija u jekk qed imorru fil-kontijiet ta' Patrick Vella ċertament li l-ishma tagħhom ser jiġu fix-xejn.

In **kontro-eżami**, hu jgħid li hu kien azzjonist mill-bidu iżda mbagħad kien biegħ kollox u reġa' sar azzjonist meta Gerald Brincat partat l-ishma tiegħu biex jixtri karozza, u dan għamlu f'ismu personali u mhux tramite kumpanija. Mistoqsi kienx imur għal-laqgħat annwali ġenerali jgħid li meta saru mar iżda dawn ma jsirux. Jgħid li f'kemm ilu fin-negozju qatt ma ra kumpanija mħawda daqs dik odjerna u dana fis-sens li bħala azzjonisti ma jingħataw ebda informazzjoni u l-qliegħ ma jafux fejn imur.

Mistoqsi jekk jafx isirux l-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi jgħid li ma jafx u lanqas ma jaf min huma d-diretturi ħlief għal Patrick Vella. Jgħid li ma hemmx serjeta` la fejn jidħol rappurtaġġ u lanqas fit-tmexxija tal-park u kemm -il darba kien hemm fil-gazzetti rapporti minħabba nuqqasijiet. Jispjega li ġieli mar fil-park u nnota per eżempju li waħda miż-żrieraq ma kinitx qiegħda sew.

Mistoqsi jekk qattx sejjaħ laqgħa ġenerali jgħid li sta għaċ-*chairman* u l-kap eżekuttiv li jagħmlu dan. Mistoqsi kemm-il darba talab laqgħa ta' kjarifika jew biex jara x'inhu jiġri jgħid li hu qatt ma talab dan u jistenna li l-affarijiet isiru awtomatikament. Jispjega li l-investiment tiegħu mhux kbir f'din il-kumpanija u allura għandu d-direttur tal-fiduċja tiegħu, Dr Charles Brincat, flimkien ma diretturi oħra u jieħdu ħsieb huma. Mistoqsi jekk jafx li l-kontijiet annwali ġew approvati sal-2016, jgħid li dawn ġew approvati minn Alex Brincat u qatt m'oġġezzjona għax kien jafda lil Alex Brincat li mbagħad sar jaf li l-affarijiet ma kinux sew u kien approva l-kontijiet taħt ftehim ħażin kompletament. Jgħid li l-kumpanija mhix serja għax Patrick Vella bit-tlieta u ħamsin fil-mija (53%) tal-ishma ħaseb li għandu l-kumpanija kollha hu u mexxa kif ried.

Mistoqsi jekk hemmx *company secretary* jgħid li ma jafx. Mistoqsi kif jaf li Patrick Vella qed iżomm il-flus għalih jgħid li dan qed ighidu għax ġie infurmat. Mistoqsi dwar kemm huma d-djun tal-kumpanija jgħid li ma jafx iżda jaf li hemm id-djun. Jgħid li huwa l-kompitu tad-diretturi li jidħlu fihom. Jikkonferma li minn meta daħal azzjonist qatt ma ħa *dividends*. Jgħid li llum l-ishma tiegħu ma jiswew xejn u dana stante l-istat tal-kumpanija

Mistoqsi kif ġiet iffinanzjata l-kumpanija tul is-snin jgħid li ma jafx. Jgħid li huwa ferm stramb li kumpanija tagħmel tant telf u jibqa' jsir l-investiment fiha. Jikkonferma li ra fuq fuq l-kontijiet annwali tas-snin 2014, 2015 u 2016 wara li għamel l-affidavit tiegħu u jirriżulta li hemm telf kemm ma jitħallsux id-*dividends*. Jikkontendi li hemm problema kbira ta' governanza fil-kumpanija.

Fl-affidavit tiegħu, **<u>Louis Camilleri</u>** jgħid li l-ewwel *chairman* tas-soċjetà LTPL kien John Ross u dan iż-żmien kienu jipparteċipaw kollha fil-kumpanija u t-tifel tiegħu kien jaħdem hemm ukoll. Jispjega li hu u martu kienu azzjonisti u hu kien ukoll wieħed mid-diretturi.

Jispjega li meta miet missier Patrick Vella, Anthony Vella, daħal minflok John Ross u ddeċieda li jagħmel *wave pool* kbira. Jgħid li hu flimkien ma' diretturi oħra dehrilhom li kellhom iġibu numru ta' stimi qabel minħabba li kienet spiża enormi. Jgħid li minkejja dan il-pool kienet saret mingħajr ma saret konsultazzjoni u dan iż-żmien missier Patrick Vella kien jieħu imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq il-flus li jsellef lill-kumpanija biex saret dik il-pixxina li għadu jeħodhom sal-lum.

Jgħid li hu u d-diretturi l-oħra dejjem ippruvaw jagħtu suġġerimenti dwar l-indafa, manutenzjoni u anke sigurtà fil-park iżda kienu jiġu njorati minn Patrick Vella li kien jagħti struzzjonijiet lill-impjegati sabiex jinjorawna u meta jmorru hemm kien jevitahom kompletament.

Jgħid li bħala azzjonisti dejjem kellhom id-dritt skont is-sehem tagħhom fil-kumpanija li jkollhom numru ta' biljetti b'xejn biex jidħlu fil-park iżda fix-xitwa tas-sena 2017, meta n-neputi tiegħu mar sal-park, huwa ma tħalliex juża l-logħob tat-tfal b'xejn bħas-soltu u meta ibnu Samuel kellem lil Patrick Vella, dan kien qallu li ried iħallas bhal ħaddieħor.

Jispjega li l-kumpannija għamlet dejn sostanzjali mad-Dipartiment tal-VAT mingħajr ma kienu jafu u għalhekk kien inħareġ mandat ta' sekwestru fil-konfront tiegħu u għamel żmien twil ma setax jieħu flus mill-bank. Jgħid li Patrick Vella kien baqa' ma jħallasx u għalhekk Alex Brincat, iben Charles Brincat, kien issuġġerixxa li bħala diretturi jħallsu l-ammont f'isem il-park sabiex jitneħħa s-sekwestru u għalhekk hu u martu permezz ta' ftehim datat il-31 ta' Marzu 2014, sellfu s-somma ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000) biex jitħallas id-dipartiment tal-VAT, liema flus m'għaddewx lil Patrick Vella għax ma fdawhx. Jgħid li l-flus ħaduhom kollha lura.

Jgħid li meta beda jara dan kollu kien bagħat ittra ta' riżenja lill-Bord tad-Diretturi fit-2 ta' Settembru 2013, fejn ta r-raġunijiet għar-riżenja tiegħu u ċjoè li kien beda jisma' b'ħafna debituri li ma kien jaf xejn bihom.

Jispjega li hemm ukoll numru ta' proċeduri fil-konfront tal-kumpanija minħabba l-fatt li Patrick Vella ma kienx qed iħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurita` soċjali. Jgħid li hu kien baqa' jirċievi t-taħrikiet wara li rriżenja u darba minnhom attendew għal kawża fejn Patrick Vella laqgħahom b'ostilità.

Jgħid li meta kien għadu direttur, il-mara tiegħu kienet attendiet laqgħa u nfurmat lill-Bord bil-Mandat ta' Sekwestru u Patrick Vella kien għaddieha

biż-żmien. Jispjega li fil-passat meta kienu jsiru l-laqgħat, il-mara kienet tattendi f'ismu u meta din kienet tistaqsi x'sar mill-flus kien iwieġeb li xtara karozza jew dgħajsa u jgħaddiha biż-żmien. B'hekk ħass li ma kellux triq oħra ħlief li jirriżenja minn direttur.

Jispjega li s-sena ta' qabel lil martu kienet ċemplitilha n-neputijiet mill-park u talbitha biex iddaħħal lit-tifla tgħum iżda Patrick Vella kien irrifjuta d-dħul tagħha, kif ukoll li jagħti l-biljetti kumplimentari.

Jispjega li Patrick Vella kien dejjem fi ħsiebu kif jagħmel proġetti ġodda bla ma javża u mingħajr ma jġib stimi u jordna minn fejn irid u jħawwad kif jaqbillu.

Jgħid li minħabba dawn ir-raġunijiet wasslu biex fethu din il-kawża.

In sostenn tal-affidavit tiegħu, ix-xhud ippreżenta s-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok LC1: Ftehim ta' self ta' flus datat 31 ta' Marzu 2014 bejn Louis Camilleri u Maria Camilleri u LTPL;

Dok LC2: Form K li permezz tagħha rriżenja mill-kariga tiegħu ta' Direttur bid-data effettiva tat-2 ta' Awwissu 2013;

In **kontro-eżami** hu jgħid li kien direttur tal-kumpanija *de quo* għal perjodu qasir. Mistoqsi lil min jiftakar *chairman* tal-kumpanija jgħid li l-ewwel kien hemm John Ross imbagħad kien hemm Ninu Vella, missier Patrick Vella. Mistoqsi kienx isegwi l-kumpanija, jgħid li meta jsejħulhom kien isegwiha. Jgħid li għamel ftit żmien direttur iżda kif ra l-inkwiet irriżenja. Mistoqsi min kien segretarju tal-Bord jgħid li ma jafx. Mistoqsi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija jgħid li milli sema l-kumpanija qiegħda f'telf avvanzat ta' madwar tliet miljun Ewro (€3,000,000). Jikkonferma li qatt ma ħadu xejn mill-kumpanija. Jgħid li darba silef is-somma ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000) lil kumpanija li tħallsu lura. Jgħid li l-qliegħ tal-kumpanija ttieħed kollu u ma baqa' xejn. Mistoqsi dwar jafx x'inhu l-valur tal-kumpanija, jgħid li ma jaf xejn. Isostni li Patrick Vella jagħmel kollox waħdu mingħajr ma jgħid xejn lil ħadd. Jgħid li hu kien mingħalih li Patrick Vella kien qed imexxi tajjeb iżda daħak bihom. Jgħid li hu ma tantx kien jagħti każ u kien jafda f'min kien qed imexxi. Mistoqsi jekk jafx li d-dejn kollu li hemm qed jagħmel tajjeb għalih Patrick Vella u l-kumpaniji tiegħu jgħid li hu ma jaf xejn. Mistoqsi dwar l-istat tal-park u l-attrazzjonijiet ġodda li saru jgħid li ma jersaqx 'l hemm.

Fl-affidavit tiegħu, **Alex Brincat** jgħid li hu nħatar bħala Direttur fuq il-Bord tal-kumpanija LTPL fis-26 ta' Frar 2013 biex jieħu l-post ta' Dr Carmelo Brincat wara l-ħatra ta' dan tal-aħħar bħala ambaxxatur Malti għall-Federazzjoni Russa.

Jgħid li meta sar direttur, hu għamel riċerka dwar il-bilanċi pendenti tal-VAT dovuti u wara ftehim ma' Patrick Vella biex jiddiskuti l-ammont pendenti saru diskussjonijiet mad-dipartiment ikkonċernat sabiex jitħallsu lura l-ammonti dovuti malli jiġu ġġenerati biżżejjed fondi mill-kumpanija. Jgħid li kien ċar li dawn ma setgħux jitħallsu mal-ewwel stante impenji ta' ħlas sinifikanti mal-Bank of Valletta.

Jgħid li f'Awwissu tal-2013 kien ġie nfurmat minn Patrick Vella li Louis Camilleri kien bagħat ittra biex jirriżenja minn Direttur b'effett mit-2 ta' Awwissu 2013. Jispjega li hu kien ħa inizzjattiva u beda jiddiskuti ma' Carmelo Brincat, Louise Camilleri, Joseph Brincat u Maurice Mizzi dwar il-possibilità li jsellfu fondi lill-kumpanija biex din tkun tista' tħallas dak li kien dovut lid-Dipartiment tal-VAT u sabiex jaqblu dwar skeda ta' ħlas mal-istess dipartiment u ġie maqbul li jsellfu flus lill-kumpanija kif ġej:

1. Carmelo Brincat €30,000
2. Louis Camilleri €15,000
3. Joseph Brincat €5,000
4. Maurice Mizzi €5,000
5. Alex Brincat €20,000

Jispjega li t-total ta' ħamsa u sebgħin elf Ewro (€75,000) kellhom jiġu mogħtija lill-kumpanija b'rata ta' imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) u ri-pagabbli fi żmien sena mid-data tal-ftehim tas-self lill-kumpanija. Jgħid li mhux kollu tħallas fiż-żmien sena, iżda Carmelo Brincat ġie mħallas kompletament fl-4 ta' Lulju 2017. Jgħid li ċ-ċekkijiet tas-self ngħataw lilu u hu tahom personalment lid-Dipartiment tal-VAT.

Jgħid li fiż-żmien li kien direttur, il-park kien jeħtieġ self ġdid biex jiżdiedu żewġ *waterslides*, liema self ittieħed mill-Bank of Valletta u l-istess bank kien talab lilu u lil martu Patrizia Brincat biex jassumu l-garanzija li qabel kienu ngħataw minn Carmelo Brincat u wkoll għas-self ġdid ta' madwar mitejn u għoxrin elf Ewro (€220,000). Jgħid li bħala direttur kien ta wkoll garanzija għall-*overdraft* tal-kumpanija.

Jgħid li minkejja l-ftehim mad-dipartiment tal-VAT, il-kumpanija ma rrispettatx il-ftehim u madwar mija u sebgħin elf Ewro (€170,000) u għadhom dovuti.

Jispjega li d-diretturi l-oħra ma kinux tawh aċċess għar-records tal-bank waqt li kien għadu direttur u l-Bank of Valletta ma setax jipprovdi dikjarazzjonijiet tal-bank mingħajr l-awtorizzazzjoni mill-bord tal-kumpanija u fil-fatt kien imħasseb dwar kemm il-kumpanija kienet tiflaħ tħallas lid-Dipartiment tal-VAT. Jgħid li kien hemm ċekkijiet li ma ġewx onorati minħabba li ma kienx hemm fondi.

Jgħid li s-sitwazzjoni ta' ċekkijiet mhux onorati kienet ġrat ukoll fir-rigward ta' pagi tal-ħaddiema u Carmelo Brincat kien silef is-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000) lill-kumpanija għal dan l-għan. Jgħid li dan ma kienx jaf bih qabel minħabba li ħadd mill-impjegati ma kien qallu.

Jispjega li kien hemm kwistjonijiet oħra li kellhom impatt fuq id-deċiżjoni tiegħu li jservi bħala direttur, fosthom inċident fuq *waterslide* li hu kien ta struzzjonijiet sabiex ma tinfetaħx minħabba nuqqas ta' *railing* li kienu ġew injorati. Jgħid li kien biss wara dan l-inċident u talba mill-Bank of Valletta li l-kumpanija kkummissjonat rapport ta' sigurtà minn espert.

Jgħid li hemm ukoll ammonti sostanzjali ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mhux imħallsa sal-lum iżda m'għandux informazzjoni stante li minkejja li talabha qatt m'ngħatatlu. Jispjega li hemm ammont ta' madwar ħames mill elf Ewro (€500,000) dovut lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, liema ammonti qed jakkumulaw interessi u penali dwarhom. Jgħid li ma jafx jeżistix ftehim dwar dan il-ħlas.

Jgħid li fl-4 ta' Diċembru 2014, hu rriżenja mill-kariga ta' direttur. Jgħid li dan wasal għalih minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni mogħtija lilu minn Patrick Vella.

Jispjega li Patrick Vella kien qallu li wieħed mill-kredituri, Azzopardi Fisheries, ma tħallasx minħabba li x-xhud ma riedx jiffirma ċ-ċekk mentri dan ma kienx minnu stante li x-xhud kien diġà rriżenja u qatt ma kien jiffirma ċekkijiet stante li dawn kienu jiġu ffirmati minn Patrick Vella u Paul Mifsud.

Jgħid li s-soċjetà PDK Investments Limited, li għandha sehem sinifikanti fl-ishma ta' LTPL, iddeċidiet li tagħlaq kumpannija fir-Renju Unit li kellha

ishma fil-kumpanija *de quo* mingħajr ma nfurmat lill-membri tal-kumpanija tar-Renju Unit.

Jispjega li wara r-riżenja tiegħu, hu baqa' f'kuntatt mad-Dipartiment tal-VAT dwar l-ammonti pendenti tal-kumpanija, liema pagamenti ma sarux bil-konsegwenza li hu ma tistax tinħariġlu liċenzja ta' *Approved Insurance Auditor*. Jgħid li kemm-il darba prova jagħmel kuntatt ma' Patrick Vella dwar dan, iżda dan ma jkellmux. Jgħid li l-Bank of Valletta kkonfermalu li l-garanziji għadhom pendenti, minkejja talba biex jitneħħew. Jgħid li dwar dan kien anke bagħat ittra uffiċjali lill-kumpanija u baqa' bla risposta.

Jgħid li hemm nuqqasijiet oħra fejn tidħol il-laqgħa ġenerali annwali kif ukoll in-nuqqas ta' preżentazzjoni tar-rapporti finanzjarji tas-snin 2014 u 2015. Jispjega li huma minħabba dawn ir-raġunijiet kollha li saret din il-kawża.

In sostenn tal-affidavit tiegħu x-xhud ippreżenta s-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok AB1: Form K li permezz tagħha ġie reġistrat bħala Direttur tal-kumpanija *de quo* bid-data effettiva tas-26 ta' Frar 2013;

Dok AB2: Korrispondenza mad-Dipartiment tal-VAT datata 17 ta' Jannar 2014;

Dok AB3: Ftehim ta' self bejn Dr Carmelo Brincat u LTPL datat 14 ta' Marzu 2014 għall-ammont ta' tletin elf Ewro (€30,000);

Dok AB4: Ftehim ta' self bejn Alexander Brincat u LTPL datat 8 ta' Awwissu 2014 għall-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000);

Dok AB5: Ittra legali datata 29 ta' Diċembru 2016 mibgħuta għan-nom ta' Dr Carmelo Brincat fejn talab il-ħlas ta' somma dovuta lilu;

Dok AB6: Ittra mill-Bank of Valletta datata 17 ta' Settembru 2014 rigward il-faċilitajiet tal-kumpanija *de quo*;

Dok AB7: Rendikont maħruġ mid-Dipartiment tal-VAT datat 12 ta' Ottubru 2016 fir-rigward tal-kumpanija *de quo*;

Dok AB8: Kopja ta' diversi ċekkijiet lid-Dipartiment tal-VAT li permezz tagħhom sar ħlas;

Dok AB9: Kopja ta' żewġ ċekkijiet maħruġa lil Gilbert Portelli u Albert Portelli;

Dok AB10: Ftehim ta' self bejn Alexander Brincat u LTPL datat 26 ta' Marzu 2014 għall-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000);

Dok AB11: Kopja ta' ittra uffiċjali datata 25 ta' Settembru 2014 rigward inċident li seħħ fl-iSplash and Fun Park;

Dok AB12: Rendikont tat-taxxa dovuta mill-kumpanija *de quo* maħruġ fil-21 ta' Diċembru 2016;

Dok AB13: Form K li turi r-riżenja tax-xhud mill-kariga ta' direttur b'effett mill-4 ta' Diċembru 2014;

Dok AB14: Informazzjoni relatata mal-kumpanija fir-Renju Unit Clarehead Limited;

Dok AB15: Ittra datata 5 ta' Lulju 2017 lil Bank of Valletta fejn hu flimkien ma' martu talbu li jiġu meħlusa mill-garanziji bankarji marbuta mal-kumpanija *de quo*;

Dok AB16: Ittra Legali mibgħuta lis-soċjetà *de quo* fid-9 ta' Diċembru 2016 għan-nom ta' Alexander u Patrizia Brincat fejn talbu lill-kumpanija teħlishom mill-garanzija bankarji marbuta mal-kumpanija;

Dok AB17: Kontro-protest li sar in segwitu għall-ittra legali AB16;

Dok AB18: Aġenda tal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja msejjħa għat-23 ta' Ġunju 2017;

Dok AB19: Korrispondenza fir-rigward tal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tat-23 ta' Ġunju 2017;

In **kontro-eżami** jgħid li hu *Accountant* u awditur u jaħdem mas-soċjetà Grant Thornton. Jikkonferma li fil-passat kien hemm tentattivi biex l-affarijiet jittranġaw iżda qabel ma dan isir kienu talbu xi informazzjoni mingħand Patrick Vella li ma ngħatatx jew ma ngħatatx b'mod komplet.

Mistoqsi jekk jafx li l-kumpanija qed tistenna *remission* mid-Dipartiment tal-VAT jgħid li dan hu minnu iżda kien hemm ukoll *repayment programme* li ma kienx qed jiġi onorat u għalhekk id-Dipartiment tal-VAT kien ipproċeda kontra l-kumpannija.

Jgħid li fil-laqgħat kienu diskussi ħafna affarijiet dejjem bil-għan li jgħin is-sitwazzjoni tal-kumpanija, iżda dejjem baqa' mingħajr informazzjoni jew mingħajr aċċess għall-istess.

Jgħid li hu dam sena u nofs fil-kariga ta' direttur u matul dan il-perjodu attenda għal tlieta (3) jew erba' (4) laqgħat tal-Bord. Jispjega li kemm-il darba kien jitkellem ma' Patrick Vella u jistaqsih mistoqsijiet. Jgħid li l-ftehim ta' bejniethom kien li kellhom ikunu ko-firmatarji fuq iċ-ċekkijiet iżda wara li ffirma l-ewwel sett, beda jiffirma Paul Mifsud minfloku. Jgħid li Patrick Vella dejjem kien jgħidlu li ma hemmx problemi partikolari iżda dak li kien jara ma kienx jirrifletti dan.

Jikkonferma li meta sar direttur kien konxju tad-djun li kien hemm mad-Dipartiment tat-Taxxa, mad-Dipartiment tal-VAT u dwar N.I. Jikkonferma li matul dak il-perjodu, il-kumpanija baqgħet ukoll tinvesti fil-park. Jgħid li Patrick Vella kellu jibda billi jħallas lill-kredituri u lill-bank u jevita li l-kumpanija tmur fid-djun u l-interessi kif kienet qed tagħmel. Jgħid li fil-fehma tiegħu sabiex jitkabbar il-park ried l-ewwel ikun hemm *good cash flow forecasting* li qatt ma kien hemm u qatt ma ġie ppreżentat. Jaqbel li l-unika kontribut fil-kapital kien sar minn Patrick Vella fl-ammont ta' mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000), iżda jemmen li kien ikun hemm ħafna aktar kieku l-istess Vella kien juri l-verità u li kieku ma kienx hemm traskuragni fl-operat tal-park li saħansitra rriżulta f'korriment ta' tifla. Jikkonferma li *risk assessment* sar wara l-inċident partikolari minħabba li talbu l-Bank.

Jgħid li skont l-*audited accounts* il-kumpanija għandha diffikultà tħallas ċertu djun u għandha bżonn żmien sostanzjali biex tagħmel dan. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-flus marrux fil-but ta' Patrick Vella jew l-kumpaniji tiegħu, jgħid li m'għandu l-ebda prova biex jgħid jew jikkonferma dan.

Fix-xhieda tagħha, **Johanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc** intalbet tippreżenta rendikonti ta' Leisure and Theme Park Limited (C8161) mill-2014 sal-2017. Tgħid li mir-riċerka li għamlet irriżultawlha disa' (9) kontijiet u ċjoè:

1. Kont 40010042704 *current account* - li nfetaħ fil-5 ta' Ottubru 2000 u għadu preżentament miftuħ iżda transazzjonijiet bejn l-2014 u l-2017 ma kienx hemm;

2. Kont 15201680049 *overdraft account* - li nfetaħ fis-26 ta' April 1989 u għadu miftuħ. Ix-xhud ippreżentat ir-rendikont tiegħu bejn l-2014 u l-2017 (Dok BOV1);

3. Kont 40013129608 *loan business account* - li nfetaħ fis-16 ta' Jannar 2004 u ngħalaq fit-8 ta' Awwissu 2015. Ix-xhud ippreżentat ir-rendikont tiegħu bejn l-2014 u l-2015 (Dok BOV2);

4. Kont 40013466756 *loan business account* - li nfetaħ fil-25 ta' Mejju 2004 u ngħalaq fit-8 ta' Awwissu 2015. Ix-xhud ippreżentat ir-rendikont tiegħu bejn l-2014 u l-2015 (Dok BOV3);

5. Kont 40014425385 *current account* - li nfetaħ fis-7 ta' Lulju 2005 u għadu miftuħ. Ix-xhud ippreżentat ir-rendikont tiegħu bejn l-2014 u l-2017 (Dok BOV4);

6. Kont 40015095581 *loan business account* - li nfetaħ fl-4 ta' Mejju 2006 u ngħalaq fl-8 ta' Awwissu 2014. Ix-xhud ippreżentat ir-rendikont tiegħu tal-2014 (Dok BOV5);

7. Kont 40019240594 *loan business account* - li nfetaħ fil-11 ta' Awwissu 2010 u ingħalaq fit-13 t'Awwissu 2014. Ix-xhud ippreżentat ir-rendikont tiegħu tal-2014 (Dok BOV6);

8. Kont 40021868993 *loan business account* - li nfetaħ fit-28 ta' Awwissu 2013 u ingħalaq fit-13 ta' Settembru 2017. Ix-xhud ippreżentat ir-rendikont tiegħu bejn l-2014 u l-2017 (Dok BOV7);

9. Kont 40024040763 *overdraft refinancing of hive off overdraft account* - li nfetaħ fid-19 ta' Mejju 2016 u ngħalaq fis-17 ta' Awwissu 2017. Ix-xhud ippreżentat ir-rendikont tiegħu bejn l-2016 u l-2017 (Dok BOV8);

Fix-xhieda tiegħu, il-**PL Quentin Tanti in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** jgħid li s-soċjetà Leisure and Theme Park Limited (C 8161) ġiet reġistrata fil-25 ta' Ġunju 1986. Jikkonferma li l-kumpanija kienet *partnership* u ġiet ikkonvertita f'kumpannija kummercjali taħt il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Ix-xhud ippreżenta dokument estensiv bid-dokumenti reġistrati tal-kumpanija (Dok MFSA1) kif ukoll sett ta' dokumenti mhux reġistrati li jikkonsistu f'*summary print out* tal-atti li jkunu

daħlu bid-dati kif ukoll korrispondenza varja mal-Bank of Valletta (Dok MFSA2). Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti kollha.

Mistoqsi meta l-aħħar li daħlu l-kontijiet finanzjarji tal-kumpanija jgħid li dawn daħlu fit-23 ta' Jannar 2018 għas-sena 2016 u qabilhom daħlu dawk tas-sena 2015 fid-29 ta' Novembru 2017.

Fix-xhieda tiegħu **Hector Spiteri** jgħid li huwa *certified public accountant* u awditur u *senior partner* fid-ditta Busuttil & Micallef li huma l-awdituri tal-kumpanija *de quo*. Jgħid li d-ditta ilha responsabbli minn l-awditjar tal-kumpanija *de quo* għall-aħħar għaxar (10) snin mentri hu ilu responsabli għall-aħħar erba' (4) jew ħames (5) snin.

B'referenza għax-xhieda, ir-rikorrenti min-naħa tagħhom ippreżentaw is-segwenti dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok AMB1: Annual Report u Financial Statements tas-sena 2014

Dok AMB2: Annual Report u Financial Statements tas-sena 2015

Dok AMB3: Annual Report u Financial Statements tas-sena 2016

Ix-xhud ikkonferma li l-imsemmija rapporti saru minnu u ċċertifkahom hu bħala l-awditur responsabbli. Jikkonferma li huma il-*full version*.

Jispjega li fl-2014, l-ammont ta' mija, erbgħa u disgħin elf, sitt mija u sittin Ewro (€194,660) kienu dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxa. Jikkonferma li hu kien attenda l-laqgħa ġenerali fejn ġie ppreżentat dan ir-rapport u kien hemm ftehim li kellu jsir arranġament għal ħlas mad-dipartiment tat-Taxxa. Mistoqsi rigward il-VAT, jgħid li f'dan ir-rigward ukoll kien hemm ammont dovut. Mistoqsi jekk hux minnu li kien hemm xi diretturi li sellfu flus sabiex dan id-dejn jitħallas jgħid li ċertament kien hemm ammont dovut lil numru ta' eks diretturi. Jgħid li fir-rapport tal-2014 ħass li kellu jagħmel *qualified audit opinion* stante li ma kellhomx informazzjoni biżżejjed rigward is-sales u jekk humiex kollha kompleti u għalhekk ħass li kellu jagħmel rimarka għall-attenzjoni tal-azzjonisti. Jispjega li mbagħad fl-2015 kellu jirrimarka dwar aktar affarijiet. Dwar l-2016 imbagħad jgħid li ġibed l-attenzjoni dwar il-*cash balance* minħabba li minn dak li kien għad-dispożizzjoni tagħhom setgħu biss jistabilixxu l-figura kwotata u ma kellhomx mezz ieħor ta' verifika. Jispjega li n-nuqqas ta' informazzjoni u kontrolli interni impedewh milli jiddetermina l-figura vera li kienet teżisti f'dik id-data. Jgħid li qatt ma

seta' jirrikonċilja minħabba li l-kumpanija ħadmet ħafna *on a cash basis*. Jgħid li kien hemm ħafna transazzjonijiet li saru tramite PDK Investments Limited li mhumiex l-awdituri tagħha huma u allura ċertu verifiki ma setgħux isiru.

In **kontro-eżami** jikkonferma li l-kapital tal-kumpanija mill-2005 għall-2017 kiber mill-valur ta' sitt mija u tnejn u għoxrin elf, tmien mija u erbgħa u tmenin Liri Maltin (Lm622,884) għal erba' miljun u disgħa u sittin elf, disa' mija u ħdax -il Ewro (€4,069,911). Jikkonferma li dan it-tkabbir sar minn negozju li ġġenerat hi stess.

Jispjega li bi żvista, min-naħa tiegħu, il-kontijiet annwali tas-sena 2017 ġew sottomessi mal-MFSA, wara li ġew approvati mill-Bord tad-Diretturi iżda mingħajr l-approvazzjoni tal-laqgħa ġenerali annwali.

Jispjega li d-dejn tal-kumpanija fl-2008 kien dak ta' tlieta punt erbgħa miljun Ewro (€3,400,000) mentri fl-2014 kien niżel għal tnejn punt żewġ miljun Ewro (€2,200,000) u dan ġġenerat minn negozju stess. Jgħid li fis-sena 2017, dawn reġgħu niżlu għal wieħed punt disgħa miljun Ewro (€1,900,000).

Mistoqsi dwar Marineland Limited, hu jispjega li l-kumpanija *de quo* għandha investiment f'Marineland Limited u ċjoè l-kumpanija *de quo* hija azzjonista ta' Marineland Limited. Jgħid li Marineland Limited kienet qed tagħmel telf u għalhekk kellhom l-obbligu li jagħmlu *provision* għal dan it-telf biex ma jaqax il-valur tal-investiment. Jispjega li per eżempju fis-sena 2014 kien hemm *provision* ta' wieħed u għoxrin elf u sitt mitt Ewro (€21,600) f'dan ir-rigward.

Mistoqsi jekk isirux laqgħat ġenerali annwali u jkunx preżenti, jikkonferma kemm li jsiru u kemm li dejjem kien preżenti.

In sostenn tax-xhieda tiegħu, ix-xhud ippreżenta Dok HS1 li hija l-*Profit & Loss Account* tas-sena 2005 u Dok HS2 li hija l-*Profit & Loss Account tas-sena 2017*. Il-Qorti ħadet konjizzjoni taż-żewġ dokumenti.

Saret referenza wkoll għas-segwenti dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

PF1: *Annual Report and Financial Statements 31 December 2008*

PF 2: *Annual Report and Financial Statements 31 December 2014*

Fix-xhieda tiegħu **Victor Mizzi** jgħid li hu kien impjegat tal-kumpanija LTPL u kien jaħdem fl-iSplash and Fun Park. Jgħid li kien jagħmel xogħol ta' manutenzjoni. Mistoqsi jekk qattx kien hemm sitwazzjonijiet fejn ma rċeviex il-paga jgħid li darba m'irċevihiex iżda kienet ħaġa normali li tkun b'lura. Jgħid li telaq għax kien sab xogħol aħjar u kien tħallas ta' kollox. Jgħid li tawh żewġ ċekkijiet li ma kinux jissarrfu immedjatament iżda fl-aħħar tħallas.

Fix-xhieda tagħhom, **Alison Mifsud Brimmer in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc, Nadine Fabri in rappreżentanza ta' BNF Bank Malta plc** u **Jeanette Lepre in rappreżentanza ta' Lombard Bank plc** jgħidu li mir-riċerka li saret fil-Banek rispettivi taghhom, ma rriżulta l-ebda kont bankarju preżent u/jew passat f'isem il-kumpanija Leisure and Theme Park Limited (C 8161).

Fix-xhieda tagħha, **Doris Ebejer** tgħid li hi impjegata tas-soċjetà LTPL u tieħu ħsieb ir-Riżorsi Umani. Tgħid li ilha taħdem mal-kumpanija għall-aħħar tletin (30) sena u fil-passat kienet tagħmel xogħol ta' kaxxiera. Mistoqsija jekk mill-2010 'il quddiem qattx kien hemm problemi biex titħallas tgħid li ġieli kien hemm iżda dejjem tħallset. Tispjega li kienet taqa' b'lura madwar xahrejn jew tliet xhur imbagħad titħallas f'daqqa. Tgħid li issa l-paga saret dejjem regolari fis-7 ta' kull xahar u ilha hekk għall-aħħar ħames (5) snin. Tgħid li meta kien ikun diffikultà bil-paga kienet tkellem lil Patrick Vella. Mistoqsija kienx ikollha kuntatt ma' Carmelo Brincat tgħid li le. Tgħid li l-kuntatt tagħha dejjem kien esklussivament ma' Patrick Vella.

Fix-xhieda tiegħu, **Gilbert Portelli** jgħid li hu *chef* u ħadem mal-kumpanija għal madwar tliet snin. Mistoqsi jekk qattx kien hemm diffikultajiet biex tħallset il-paga, jgħid li dan ġara fl-aħħar ftit u fl-aħħar tħallas kollox. Jispjega li telaq minn mal-kumpanija għax fetaħ l-istabbiliment tiegħu fl-2014. Jgħid li kellu relazzjoni tajba ma' Doris u ma' Patrick u mistoqsi dwar l-istat tal-kumpanija meta telaq jgħid li fis-sajf kien ikun hemm in-nies iżda matul il-perjodi l-oħra kien ikun kwiet. Jgħid li meta telaq kellu xi pendenzi fil-ħlas u kien ġera wara Patrick Vella li mbagħad ħallsu.

Fl-affidavit tiegħu, **Dottor Carmel Brincat** jgħid li hu kien wieħed mill-ewwel diretturi tal-kumpanija *de quo* imbagħad meta nħatar ambaxxatur Malti għall-Federazzjoni Russa kien irriżenja u ħa postu bħala Direttur Alex Brincat.

Jispjega li hu kien preżenti fl-awla meta xehdet Doris Ebejer u jgħid li hi daħlet taħdem mal-kumpanija *de quo* mill-bidu nett li twaqqfet il-kumpanija fejn kienet bdiet bħala *cleaner* imbagħad wara bdiet tagħmel xogħol ta' kaxxiera u sservi l-ikel. Jispjega li mbagħad bdiet taħdem fid-dipartiment tar-Riżorsi Umani fejn kienet tieħu ħsieb it-tqassim tal-impjegati li jaħdmu fil-*kiosks* u fir-*restaurant*. Jgħid li kienet ukoll tkun involuta fl-*interviews* għall-applikazzjonijiet ta' ħaddiema fil-bidu ta' kull staġun. Jispjega li xogħla kien ukoll li tikkalkula s-sigħat li l-impjegati kienu jaħdmu mill-*punch cards* u taħdem il-pagi u tgħaddihom lil Patrick Vella biex jiċċekjahom u jħallashom. Jgħid li ġieli kien preżenti fl-uffiċju ta' Patrick Vella meta kien jiġri dan. Jispjega li kienet inkarigata wkoll tagħmel ordnijiet mingħand is-*suppliers* u tirċievi u tiċċekja d-*deliveries* u f'dan ir-rigward ukoll kienet responsabbli li tieħu ħsieb l-*istores* u tara l-affarijiet li kellhom bżonn jiġu ordnati, *stock taking* u tqassim ta' xogħol fl-istabbilimenti. Jgħid li meta kien Malta f'Mejju 2018 u kien staqsiha dwar l-aħħar *stock-take* kienet weġbitu li Patrick Vella kien neħħieha minn fuq dak ix-xogħol li issa kien qed isir minn Patrick Vella nnifsu u minn ibnu.

Jgħid li x-xhieda ta' Doris Ebejer lanqas ma kienet veritiera fir-rigward tal-paga li ma tħallsitx u dana stante li lilu darba minnhom kienet qaltlu li ilha madwar sitt xhur ma titħallas u hu kien silef ħamest elef Ewro (€5,000) lil kumpanija sabiex hi titħallas. Jispjega li meta Alex Brincat kien direttur kien silef ukoll is-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) sabiex jitħallsu l-kontijiet tal-VAT li kien hemm b'lura. Jgħid li għalkemm is-self kellu jitħallas wara tnax (12)-il xhar, hu dam sentejn biex eventwalment tħallas u ċ-ċekkijiet ma kinux onorati diversi drabi.

Jgħid li kien hemm ukoll watchman bl-isem ta' Charles Cilia li wkoll kien jgħidlu li għandu jieħu paga b'lura li tlaħħaq it-tmintax-il elf Ewro (€18,000) u kien tkellem ukoll ma ħuh Gużi Brincat li kien ukoll azzjonist. Jispjega li meta kien jistaqsi lill-impjegati fuq il-pagi, kienu jiddejqu jitkellmu miegħu għax kienu jibżgħu li xi ħadd jirrapurathom lil Patrick Vella jew li hu jitkellem miegħu. Jgħid li meta waqt il-laqgħat ġenerali kien jistaqsi dwar il-pagi tal-impjegati u l-pagamenti lis-sigurtà soċjali, Patrick Vella kien

iwieġeb li l-pagi kienu *up-to-date* mentri hu u l-azzjonisti l-oħra kienu jafu li dan mhux korrett.

Isostni li minħabba li Patrick Vella kien il-*managing director*, hu kemm-il darba kien jiġbidlu l-attenzjoni dwar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tal-N.I. tal-impjegati iżda s-sitwazzjoni qatt ma ġiet indirizzata minn Patrick Vella. Jgħid li kien hemm ukoll diversi drabi li ġibed l-attenzjoni ta' Dr Alex Perici Calascione li kien *chairman* mhux eżekuttiv tal-Bord tad-Diretturi mingħajr ħlas. Jispjega li qabel l-2016 hu kien talab sejħa tal-laqgħa ġenerali annwali *ai termini* tal-artikoli tal-kumpanija għax kien ilha sentejn ma ssir u dwar il-kontijiet pendenti tal-kumpanija. Jgħid li dak iż-żmien, wara li kkonsulta ma Dr Lennart Depasquale, kien ukoll bgħat ittra u kien ħadha personalment u impostaha fil-kumpanija, liema *letterbox* kienet tinsab fl-uffiċju ta' Patrick Vella. Minkejja dan, il-laqgħa baqgħet ma ssejħitx u ssejħet biss xhur wara. Jgħid li fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja kien ċempel lill-*accountants* tal-kumpanija li kienu nfurmawh li huma kien għad m'għandhomx informazzjoni mingħand Patrick Vella. Jgħid li meta staqsihom kienux qed jitħallsu għal xogħolhom kienu wieġbuh li issa kienu tħallsu u ċjoè anke huma ma kinux qed jitħallsu. Jikkontendi li dan ifisser li l-kumpanija ma kinitx qed tissottometti r-rapporti lill-MFSA u għalhekk kienet qed teħel il-penali. Isostni li dan kien ir-riżultat tat-tmexxija ħażina ta' Patrick Vella.

Oltre minn hekk, jgħid li Patrick Vella kien qiegħed jieħu l-impjegati tal-kumpanija *de quo* wara li jippanċjaw għax-xogħol fil-Park biex jaħdmu fuq xogħol ta' kostruzzjoni li mhux konness mal-kumpanija. Jgħid li dan kien ta' nkwiet kbir billi dawn il-ħaddiema ma kinux koperti b'assigurazzjoni kontra possibli korriment fuq ix-xogħol ta' kostruzzjoni u barra minn hekk il-kumpanija *de quo* kienet responsabbli għal pagi tagħhom. Jispjega li hu kien waqt laqgħa ġenerali annwali waqqaf lil Patrick Vella milli jagħmel dan iżda ġialadarba hu ma baqax Malta, dan reġa' beda jsir.

Jgħid li fis-6 ta' Ottubru 2018, hu kien irċieva ittra mingħand l-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar li t-*Trading Licence* tal-kumpanija *de quo* ma tħallsitx għas-snin 2014 sa 2016 u ċjoè wara li hu kien irriżenja minn Direttur fl-2013. Isostni li dan ikompli juri l-istat ħażin ta' *management* ta' Patrick Vella li jinjora persistentement kontijiet u ma jħallashomx għal xhur. In sosten tax-xhieda tiegħu x-xhud ippreżenta Dok CB2 konsistenti minn ittra datata 28 ta' Settembru 2018 li permezz tagħha

ġie mgħarraf li kien hemm ħlas dovut rigward liċenzji kummerċjali għall-perjodu 01/01/2014 sa 31/12/2016.

Isostni li, ħlief għal perjodu meta kienet qed issir it-Triq tal-Kosta, hu stmat li l-kumpanija tagħmel qliegħ ta' madwar miljun u nofs Ewro (€1,500,000) fis-sena u dan skont ma kien qal Patrick Vella lil Gużi Brincat.

Jgħid li Patrick Vella kien żied is-salarju tiegħu mingħajr ma ressaq tali żieda għall-approvazzjoni tal-azzjonisti u kellhom ikunu huma li jistaqsu dwar l-ispejjeż li kienu qed jidhru fil-kotba. Isostni li Patrick Vella jaġixxi qishom l-azzjonisti l-oħra ma jeżistux.

In **kontro-eżami** jikkonferma li bl-ammont ta' ishma li għandu fil-kumpanija, għandu dritt jappunta direttur. Jikkonferma li hu kien direttur tal-kumpanija mill-bidu u ċjoè qabel Patrick Vella. Jispjega li l-kumpanija kienu bdewha hu u ħutu, imbagħad ftit wara kien daħal azzjonist magħhom missier Patrick Vella. Jikkonferma li hu ma baqax direttur meta sar ambaxxatur u dan sabiex ma jkollux kunflitt ta' interess. Jgħid li wara appunta lil ibnu Alex Brincat, u wara li dan irriżenja, għadu m'appuntax direttur peress li ma jistax joqgħod direttur meta dan iġorr responsabilita` mingħajr ma jkun infurmat dwar x'qed jiġri. Mistoqsi dwar il-fatt li qed jilmenta li l-Bord tad-Diretturi mhux kompost skont il-Memorandum mentri hu mhux jappunta direttur, jwieġeb li hu u l-azzjonisti l-oħra li huma intitolati għal direttur ma jistgħux jibqgħu sejrin diretturi ma' Patrick Vella għaliex hu jaqbad u jieħu d-deċiżjonijiet minn wara dar il-Bord, ma jinfurmahomx u meta jinfurmahom l-informazzjoni tkun skorretta. Isemmi żewġ okkażjonijiet fejn Patrick Vella aġixxa ħażin u espona lilhom bħala diretturi u ċjoè waħda meta ħa d-deċiżjoni li jieħu d-dawl minn Marine Land li kienet mikrija lil terzi u oħra meta ħallas luna park b'*post-date cheques* u ma kienx hemm flus biex jiġu onorati.

Jikkonferma li l-Bord tad-Diretturi kien immexxi minn *Chairman* indipendenti, Dr Alex Perici Calascione li hu kellu fiduċja fih u ġieli fl-assenza tiegħu kien jiġi avukat ieħor Dr Cremona li kien inkarigat jieħu l-minuti. Jgħid li l-azzjonijiet ta' Dr Perici Calascione kienu ineffettivi.

Mistoqsi jekk kinux isiru laqgħat tad-Diretturi regolari, jgħid li ma kinux isiru minkejja li kienu jiġru wara Patrick Vella. Iżid li anke l-Laqgħa Ġenerali Annwali damet tliet (3) snin ma ssir sakemm fl-aħħar saret fl-2018. Jgħid li bħala direttur kien jinsisti ma' Patrick Vella li jsejjaħ il-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi iżda dan ma kienx isejjaħhom u meta fl-aħħar kien isejjaħhom

kien imur in *buona fede* u jiddiskuti l-aġenda mingħajr ma jaċċenna għall-fatt li l-laqgħa tkun saret wara ħafna insistenza.

Jispjega li fil-bidu li nħolqot il-kumpanija hu kien investa s-somma ta' erbgħa u għoxrin Lira Maltin li kienu jinkludu s-somma li ħallas sabiex xtara l-ishma. Jikkonferma li hu qatt ma ħa *dividends* għax kien hemm ftehim mal-Bank of Valletta meta sselfu l-flus li l-flus jiġu kollha ddepożitati u ma jeħdux *dividends* sakemm jitħallsu l-*loans* kollha. Jgħid li s-sitwazzjoni sa fejn jaf hu għadha hekk sal-lum. Jispjega li fl-2013 meta mar ikellem lill-Bank, hu ġie mgħarraf illi l-kumpanija jeħtieġ tikkonsolida ruħha qabel ma tkun tista' toħroġ aktar self u dan stante kontijiet pendenti mat-taxxa, mal-VAT u mal-ARMS. Jgħid li sa fejn jaf hu l-kontijiet kellhom daqshekk pendenzi sal-2012 minħabba li l-flus kienu qed imorru kollha l-Bank of Valletta iżda wara sar jaf li dan ma kienx minnu.

Jikkonferma li f'dan il-perjodu l-park kien tkabbar b'mod sostanzjali. Jikkonferma wkoll li l-operat tal-kumpanija kien kiber. Jgħid li kull meta saret attrazzjoni ġdida kienu jisselfu l-flus mill-Bank of Valletta.

Jispjega li l-ilment prinċipali tiegħu jirrigwarda l-fatt li minkejja li l-park kien qed jagħmel introjtu ta' miljun u nofs Ewro (€1,500,000) fis-sena, il-kontijiet kienu qed jibqgħu pendenti u għalhekk hemm bżonn l-intervent tal-Qorti biex isir magħruf dawn il-flus fejn kienu qed imorru. Ix-xhud ippreżenta elenku ta' djun li akkumulaw, imgħaxijiet, penali u ċekkijiet li ma kinux onorati (Dok CB10) li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Mistoqsi jekk is-sitwazzjoni għadhiex hekk fil-preżent, jgħid li s-sitwazzjoni rrimedjat ruħha billi ħallsu huma. Jikkonferma li ċekkijiet li m'hemmx flus sabiex jiġu onorati m'għadhomx joħorġu u dan sas-sena 2017.

Mistoqsi kemm-il darba kien *minuted* li talab laqgħat tal-Bord jew tal-kumpanija li ma ġewx milqugha, igħid li l-minuti spiss kien ikun fihom l-iżbalji u kienu jingħataw xhur wara fuq l-insistenza tiegħu.

Jikkonferma li meta kienu qed isiru x-xogħlijiet fi Triq il-Kosta, ix-xogħol kien naqas iżda ma jafx b'kemm minħabba li hu ma kienx Malta.

Jikkonferma li kien talab ir-riżenja tal-Awditur Hector Spiteri u dan minħabba li ma kinux sodisfatti minħabba li ma kienx qed jaħdem *hands on* iżda kien jiddependi minn Patrick Vella biex jipprepara l-karti kollha, kif ukoll kien hemm diskrepanzi f'dak irrapurtat u ma jistax jivverifika qattx

niżel jagħmel iċ-*checking* kif suppost. Jispjega li d-ditta ta' awdituri riedet tinbidel u mhux l-individwu partikolari.

Mistoqsi dwar qabilx mal-ħatra ta' Dr Matthew Brincat bħala *chairman* tal-Bord jgħid li le u dana mhux li m'għandux fiduċja fl-individwu iżda minħabba s-sitwazzjoni passata fejn Dr Perici Calascione kien jiġi njorat għal kollox minn Patrick Vella.

Ix-xhud ippreżenta ittra (Dok CB12) tas-16 ta' Awwissu 2012, li biha, l-MFSA ġibdet l-attenzjoni ta' PDK Investments Limited ma kinitx qed tissottometti r-rapporti tagħha. Jgħid li din hi l-kumpanija fejn qed jiġu depożitati l-flus tal-kumpanija *de quo*. Isostni wkoll li Patrick Vella kien fetaħ kont f'isem il-kumpanija *de quo* fis-Sata Bank li issa għandu l-liċenzja revokata, mingħajr ma kienu nfurmati.

Mistoqsi kienx ikun preżenti fil-park, jgħid li meta kien direttur kien imur kważi kuljum u jdur u jara li l-affarijiet mexjin sew.

Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll sitt artikli li dehru fil-gazzetta lokali 'The Times of Malta' li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom u li jikkonsistu fis-segwenti:

Dok X1 – Artikolu datat 16 ta' Awwissu 2013 bit-titolu *Owner involved in water park bust-up*

Dok X2 – Artikolu datat 14 ta' Settembru 2013 bit-titolu *Splash and Fun faces court over contaminated water*

Dok X3 – Artikolu datat 10 ta' Lulju 2014 bit-titolu *Girl injured in fall at Splash and Fun Park*

Dok X4 – Artikolu datat 9 ta' Settembru 2015 bit-titolu *Park is not causing Baħar iċ-Ċagħaq contamination*

Dok X5 – Artikolu datat 29 ta' Marzu 2016 bit-titolu *MEPA cites list of illegalities at Splash and Fun as it turns down permit application*

Dok X6 – Artikolu datat 30 ta' Awwissu 2017 bit-titolu *Slime oozing down White Rocks disgusts swimmers*

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-**provi prodotti mill-intimati**, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Fix-xhieda tiegħu **Patrick Vella** jgħid li l-kumpanija LTPL ġiet stabbilita fl-1986 u hu, ħutu, missieru u l-kumpanija tagħhom PDK Investments ma kinitx involuta fit-twaqqif tagħha. Jgħid li missier martu, u ċjoè Charles Gambin, kien involut f'wieħed mill-istadji bikrija. Jgħid li fil-bidu kienu jiltaqgħu f'restaurant fil-Mellieħa li kien ta' missieru u minn hemm saru jafu lil missieru li kien involut bħala l-ewwel kuntrattur biex jagħmel il-provi tal-art. Jispjega li kienu marru f'divesi lokalitajiet jippruvaw l-art sakemm Dr Brincat u l-familja tiegħu akkwistaw Baħar iċ-Ċagħaq u missieru kien involut bħala kuntrattur u eventwalment offrewlu l-ishma fil-kumpanija u missieru investa fl-idea. F'dak iż-żmien kien hemm numru ta' nies involuti u kienu saru l-pjanijiet li huma ma kinux involuti direttament fihom. Jispjega li l-art kienet kbira u kienet titlob investiment kbir u dan kien qed isir bil-mod. Jgħid li wara xi żmien kien hemm l-opportunità tad-dniefel li swiet ħafna flus lil kumpanija u telgħu ħafna djun. Jispjega li f'dak iż-żmien it-*turnover* kienet ta' madwar mija u għoxrin elf Lira Maltin (Lm120,000) fis-sena, mentri llum it-turnover huwa ta' bejn wieħed punt sebgħa u wieħed punt tmienja miljun Ewro (€1,700,000/€1,800,000).

Jispjega li mbagħad huma kienu daħlu sew meta Maurice Mizzi biegħ l-ishma tiegħu u kienu akkwistawhom huma. Kienu jammontaw għal ħmistax-il elf (15,000) share u wara li nbiegħu xi ishma oħra huma spiċċaw bi tmienja u ħamsin elf fil-mija (58%) tal-kumpanija, u dana tramite l-kumpaniji PDK Investments Limited u Salamanda Limited. Jgħid li b'kollox nefqu madwar sitt mitt elf Ewro (€600,000) f'dawn l-akkwisti.

Jispjega li llum s-sitwazzjoni hi li għal kull klassi ta' ishma jiġi appuntat direttur, u Class A tappunta tnejn u b'hekk huma għandhom dritt jappuntaw ħames diretturi, wieħed Dr Brincat, wieħed Louis Camilleri imbagħad hemm direttur li jirrappreżenta klassi maqsuma bejn Salamanda u Francis Gambin. Fil-fatt illum hemm tliet diretturi u ċjoè hu personali, Paul Mifsud u l-kumpanija PDK. Jgħid li minħabba r-riżenji ta' Carmelo Brincat, Frans Gambin u Louis Camilleri ma ħassx li għandu jqabbad aktar diretturi fuq il-Bord u b'hekk dawk l-ishma mhumiex rappreżentati fuq il-Bord. Jikkonferma li r-riżenji rispettivi kienu kollha fl-aħħar għaxar (10) snin. Jgħid li għalhekk il-kumpanija ilha mill-2014 titmexxa mill-familja tiegħu waħedha.

Mistoqsi mill-Qorti x'ġara bejn l-2014 sa meta infetħet din il-kawża fl-2017 jgħid li kien hemm ittardjar fil-laqgħa ġenerali annwali tal-2014 u tal-2015 bil-konsegwenza li saru t-tnejn f'daqqa. Jgħid li lill-azzjonisti ma tantx kien iżommhom aġġornati b'li qed jiġri fil-kumpanija ma kinux jiġu, ħlief meta ssejħilhom għal laqgħa jew fis-sajf bil-familja. Jispjega li kien ħoloq sistema ta' biljetti biex ikunu jistgħu jiġu fis-sajf iżda kellu jwaqqafa minħabba li kien qed isir abbuż.

Jispjega li bejn l-2013 u l-2015, minħabba li kienet qed tinqala' t-Triq tal-Kosta, kienu ħadu xi prekawzjonijiet biex itaffu d-daqqa li setgħet tieħu l-kumpanija. Jgħid li f'dak iż-żmien kien jikkomunika ma' Alex Brincat għax dan kien juri interess. Jispjega li kienu jżommu ukoll rekords u jqabblu mas-snin preċedenti. Jgħid li meta tlestiet it-triq, bdew jirkupraw u bdew jaraw il-figuri telgħin. Jispjega li fis-sena 2017 kienu saru xi attrazzjonijiet ġodda u l-figuri baqgħu jitjiebu.

Mistoqsi jekk fil-perjodu bejn l-2014 u l-2017 tqassmux *dividends* jgħid li le u dana stante l-kundizzjoni li kien għamel il-Bank, kif ukoll għax il-kumpanija fil-kotba kienet tidher li qed tagħmel telf wara *depriciation*. Barra minn hekk jispjega li kien hemm xi żmien meta l-awditur kien għamel *provision* tal-investiment kollu u l-flus kollha li kellhom jieħdu minn Marine Land Limited u tniżżlu bħala loss. Jispjega li LTPL ghandha ismha fil-Marine Land Limited u topera l-parti fejn hemm id-dniefel, li sa ftit snin ilu kienet tagħmel telf u għalhekk hija *investment loss* u tirrifletti fir-riżervi negattivi li fil-preżent hemm tlett mitt elf Ewro (€300,000) minn taħt.

Jispjega li fis-snin 2003 u 2004 bdew jaraw kif se jagħmlu biex ikomplu jiżviluppaw u s-soluzzjoni kienet il-ħolqien ta' Marine Land Limited biex ma baqgħux joħorġu flus għaliha imbagħad PDK Investments kienet ħarġet *shareholders loan* sabiex sar investiment fil-park u dan żied il-profitti. Jgħid li llum m'għadhomx jiddependu fuq il-bank biex jaħdmu bħal ma kienu fil-passat.

B'referenza għax-xhieda ta' Dr Carmel Brincat, l-intimat Patrick Vella ighid li Dr Brincat kien involut sa mill-bidu tal-kumpanija u allura anke fit-tfassil tal-*Memorandum & Articles* tal-Kumpanija. Jgħid li mhux minnu li huma kienu ħadu kontroll assolut tal-kumpanija għax huma dejjem imxew skont l-istess *Memorandum & Articles.* Jispjega li missieru kien marid fis-sena 2006 u ħalla f'idejh u f'idejn ħutu u kien organizzahom għal klassijiet tagħhom. Jgħid li kien f'dak il-waqt li Dr Brincat irrealizza li ma kellux dritt

awtomatiku li jkun direttur minħabba li ma kellux klassi sħiħa ta' ishma. Għalhekk kienu għamlu xi tibdil f'dan is-sens. Jispjega li mbagħad biex ikun hemm bilanċ, kien talab lil Dr Alex Perici Calascione sabiex jappunta lil xi ħadd li jkun jista' jieħu ħsieb il-laqgħat u l-minuti tal-Bord tad-Diretturi.

Fir-rigward ta' Doris Ebejer, jgħid li ħalliha hemm minkejja anke l-eta' taghha għax kienet mara ddedikata lejn il-kumpannija. Jispjega li hu minnu li fil-bidu kellha ħafna xogħol taħt ir-responsabbilità tagħha iżda meta beda jikber ix-xogħol, beda jneħħilha ftit ftit sabiex din tiffoka fuq xogħola. Dan kien madwar is-sena 2016. Fir-rigward tal-paga b'lura jgħid li din kienet in-norma li l-impjegati kienu jikkoperaw magħhom u kienu jaċċettaw li fix-xitwa ma jitħallsux imbagħad il-kumpanija kienet tagħmel tajjeb għalih fis-sajf. Jispjega li Doris Ebejer kienet tkellmet ma' Dr Brincat li xtaqet tibdel il-karozza iżda kellha tistenna s-sajf u dan kien avvanzalha ħamest elef Ewro (€5,000) u x-xhud kien aċċetta li jsir dan.

Jgħid li kien iħossu offiż bil-fatt li l-azzjonisti l-oħra kienu joqgħodu jmorru fuq l-impjegati u jistaqsu x'inhu jiġri fil-park. Jgħid li hu kien jagħtihom l-informazzjoni li kienu jitolbuh. Jispjega li ċertu informazzjoni ma tahiex għax ma kienx jintalab spjegazzjoni. Jagħmel referenza għall-ittra li ssemmiet min naħa tat-*trade licencing department* u jispjega li dan kien żball amministrattiv minn naħa tad-dipartiment ikkonċernat stante ma kinux neħħew isem missieru u allura deher kont ma kienx qed jasal għandhom. Jgħid li jekk kemm-il darba ma joħroġx il-kont f'dan ir-rigward ma jistax jitħallas. Jgħid li mbagħad tħallset immedjatament.

B'referenza għall-affidavit ta' Francis Gambin, jirreferi għall-artikoli li dehru fil-gazzetta u jgħid li dawn ma kinux veritieri u jispjega li ma kien hemm ebda ilma kontaminat u l-istess gazzetta kienet irtirat ir-rapport; fir-rigward tas-sink li ma kienx adegwat kienu ttellgħu l-Qorti mid-Dipartiment tas-Sanita` u ħarġu liberati; dwar l-aċċident li seħħ fejn weġġet tifla jgħid li l-inkjesta kienet ikkonkludiet li ma kinitx waqgħet minn għoli; jgħid li l-aħbar rigward il-MEPA kienet minħabba li l-awtorità kienet biddlet il-parametri; u finalment fir-rigward tal-aħbar li kien ħebb għal raġel jgħid li dwar dan kien ħareġ liberat. Jgħid li l-azzjonisti kienu staqsewh dwar x'ġara u kien spjegalhom kollox f'kull istanza.

Jgħid li l-perjodu bejn l-2009 u l-2013 kien daqxejn diffiċli u kien hemm problemi ta' *cash flow* imbagħad kien hemm ix-xogħolijiet fi Triq il-Kosta u damu ma reġgħu jagħmlu ftit *turnover* sew.

Fir-rigward tal-karti mill-Qorti jgħid li kien hemm kawża li kien qed jieħu ħsieb hu u kemm-il darba il-Maġistrat stess kien jgħidilhom li m'hemmx għalfejn jattendu. Jgħid li għal kawża hu dejjem kien jattendi u kien jinforma l-Qorti bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' ħlas. Jispjega li fl-aħħar kien tħallsu l-pendenzi kollha.

Jispjega li kien hemm ċerta diffikultà biex jissejħu l-laqgħat minħabba d-disponibilità tac-Chairman li kien avukat kif ukoll tal-awditur u kif ukoll tal-azzjonisti nnfushom. Jirrifjuta għal kollox l-akkuża li ma kienx jagħti informazzjoni u jinsisti li hu dejjem wieġeb għad-domandi hekk kif jidher mill-minuti tal-laqgħat. Fir-rigward tar-riżenja tad-diretturi minħabba li ma kinux qed jingħataw biżżejjed informazzjoni jgħid li kien hemm tlett laqgħat tal-Bord tad-Diretturi fi tliet xhur fejn ta l-informazzjoni kollha meħtieġa.

Jgħid li meta kienu affaċjati bi proċeduri u mandat ta' sekwestru kien ħareġ garanziji personali fuq il-proprjetà tiegħu stess biex jaqgħu l-mandati u daħal fi ftehim ta' ħlas.

Mistoqsi mill-Qorti għala l-kontijiet li kien akkumulaw jgħid li l-perjodu bejn l-2009 u l-2010 kien wieħed diffiċli fid-dinja u eżatt qabel dan kienu għamlu spiża kapitali kbira u kien mingħalihom li ser ilaħħqu mal-pagamenti u l-ispejjeż iżda dan ma kienx minnu. L-ispejjeż kollha kienu saru minn dak li tiġġenera l-kumpanija. Jgħid li l-unika flus li ħarġu l-azzjonisti kienu biex iħallsu lil VAT dirett minħabba l-Mandat ta' Sekwestru, liema flus tħallsu f'perjodu ta' sentejn. Jispjega li l-kont tal-VAT akkumula minħabba nuqqas ta' *cashflow* u minħabba miljoramenti li kellhom isiru minħabba tibdil fil-liġijiet tas-sanità.

Jispjega li l-kont pendenti mal-ARMS ta' madwar tliet mitt elf Ewro kien jinkludi wkoll l-ispiża ta' Marine Land Limited. Jgħid li qisu nofs l-ispiża kienet filfatt ta' Marine Land Limited li eventwalment ħalsithom. Dawn kienu jkopru l-perjodu bejn l-2011 u l-2013. Jispjega li mal-ARMS kien hemm kont ieħor pendenti minn żmien l-Enemalta ta' konsum mhux reġistrat fis-sena 2005 li ġie kkontestat u naqas drastikament u ġie ffinalizzat fl-2016.

Jispjega li erba' snin wara li l-kumpanija bdiet topera kienet fi stat ta' dejn u l-Bank diġà kien qed jiddikjara li s-self kien *overdue* iżda l-azzjonisti ta' dak iż-żmien ma ridux jinvestu aktar flus fiha. Isostni li l-kumpanija rkuprat meta fl-2001 hu u l-familja tiegħu xtraw l-ishma fil-kumpanija u bdew jinvestu huma fl-2003. Jgħid li huma għamlu *capital injection* f'forma ta'

self u b'hekk parti mid-dejn kien self magħhom personali. Jispjega li fil-frattemp kien sar ukoll l-investiment mill-kumpanija f'Marine Land li ħalla l-kumpanija b'iktar djun meta diġà kienet qed tagħmel telf. Jispjega li l-investiment fil-kumpanija sar billi saru iktar attrazzjonijiet. Jikkonferma li kien hemm biss self u mhux *share capital increase*.

Jikkonferma li tul dan iż-żmien kollu l-kumpanija qatt ma ħallset *dividends*. Mistoqsi r-raġuni għal dan jgħid li sal-2005 profitti ma kienx hemm, imbagħad meta bdew il-profitti kienu marbuta mill-bank li ma jħallsux *dividends* qabel jitħallas il-bank, imbagħad fl-2012, l-awdituri bdew jagħmlu *provision* għall-Marine Land Limited.

Isostni li kull meta kien hemm investiment kapitali, il-Bord tlaqqa' kif suppost u ġie ppreżentat b'kollox, imbagħad ittieħdu d-deċiżjonijiet. Jgħid li l-Bord tad-Diretturi dejjem tlaqqa' b'mod regolari. Jgħid li dejjem ta l-informazzjoni kollha u ma' Alex Brincat kellu relazzjoni tajba.

Jirreferi għall-affadivits ta' Francis Gambin u ta' Louis Camilleri fejn dawn qalu li rriżenjaw fl-2013 u waħda mir-raġunijiet għal dan kienet li ma kinux infurmati x'qed jiġri. Isostni li fil-fehma tiegħu rriżenjaw għax ma ridux iġorru r-responsabilitajiet ta' diretturi. Jispjega li qabel l-2012 dejjem irrifjutaw li jiffirmaw garanziji bankarji u kienu anke jirrifjutaw li jmorru l-Qorti bħala rappreżentanti tal-kumpanija. Dwar l-allegazzjoni li ma tingħatax informazzjoni jgħid li f'temp ta' sena kienu saru sitt laqgħat u l-minuti juru l-informazzjoni li kienet tingħata f'kull laqgħa. Jispjega li mill-minuti tirriżulta diskussjoni sabiex jiżdied ix-*share capital* tal-kumpanija minħabba li l-kapital li ġiet mwaqqfa bih kien ftit u ċjoè mija u sitta u sebgħin elf Ewro (€176,000) biex jiġu amministrati ħamsa u sittin (65) tomna art. Jgħid li l-azzjonisti dejjem kienu xettiċi li jinvestu u li kieku ma kinitx il-familja tiegħu li jagħmlu tajjeb għas-self, ma kien isir xejn mill-investiment li sar u l-kumpanija ma kinitx timxi 'l quddiem.

Jispjega li waħda mill-problemi li affaċċjat il-kumpanija kienet li f'ċertu perjodu kienet naqqsitilha l-*cashflow* u għalhekk ma setgħetx tlaħħaq mal-ħlasijiet tal-ispiża kapitali, partikolarment dik li kienet saret qabel l-2010. Jgħid li dan kien minħabba r-riċessjoni ta' bejn l-2009 u l-2011 u minħabba l-proġett ta' Triq tal-Kosta fl-2013 u l-2014. Isostni li meta kumpanija tiġi f'tali sitwazzjoni xogħol id-diretturi huwa li jaraw kif ħa joħorġu minnha u jinstabu s-soluzzjonijiet. Jgħid li fil-fatt hu kien għamel ftehim mal-ARMS

fejn rabat proprjetà tiegħu personali sabiex sar ftehim li jtawwal iż-żmien tal-ħlas, liema dejn tħallas kollu sal-2014.

B'referenza għall-allegazzjoni ta' Francis Gambin li ma kellu ebda informazzjoni dwar x'qed jiġri fil-kumpanija u fejn qed imorru l-flus, jgħid li dan kollu kien jirriżulta mill-kontijiet tal-kumpanija. Oltre minn hekk, jispjega li ħafna drabi għall-laqgħat kien jattendi ibnu li hu *accountant* u awditur u kellu l-faċilità jistaqsi l-mistoqsijiet kollha li jixtieq lill-awditur dirett u qatt ma ġie impedit milli jagħmel dan, liema mistoqsijiet ġew dejjem imwieġba. Isostni li wara l-2014 imbagħad kienu bdew itawwlu sabiex isiru l-laqgħat ġenerali annwali u kien għalhekk li kienu jdumu biex isiru.

Jispjega li fl-2015 kienu talbu finanzjament lil Lombard Bank li kien lest isellef disa' mitt elf Ewro (€900,000), iżda kien ġie sajf tajjeb u meta wrew l-intenzjoni tagħhom li jiċċaqilqu lil Bank of Valletta, dan irranġa biex ma jitilqux.

B'referenza għall-affidavit ta' Maurice Mizzi fejn jgħid li kien ilu ma jara kontijiet annwali, jgħid li dan mhux minnu stante li dawn kienu f'idejh, qabel m'għamel l-affidavit tiegħu.

In sostenn tax-xhieda tiegħu, ix-xhud ippreżenta s-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok PV1: estratt mis-sit tal-MBR rigward il-persuna involuti fis-soċjetà *de quo*

Dok PV1: Ittra mibgħuta minn Dr John Cremona datata 20 ta' Marzu rigward ri-distribuzzjoni tal-ishma

Dok PV2: Korrispondenza mibgħuta mis-Servizzi tal-Kummerċ rigward il-ħlas tat-*Trading Licence*

Dok PV3: Minuti tal-Laqgħa Annwali Ġenerali datat 31 ta' Ottubru 2017

Dok PV4: Ftehim ma' ARMS Limited fl-atti tan-Nutar John Gambin datat l-1 ta' Frar 2013

Dok PV5: Ftehim ma' ARMS Limited datat 6 ta' Ottubru 2016.

Dok PV6: *Graph* li turi it-*turnover*, kredituri u investiment mill-2001 sal-2019.

Dok PV7: Rendikont tal-flus ġenerati u l-liabilitajiet mill-2001 sal-2019.

Dok PV8: *Statement of Comprehensive Income* mis-sena 2019 sas-sena 2003

Dok PV9: *Graph* rigward *Capital Expenditure* mis-sena 2002 sas-sena 2019

Dok PV10: *Statement of Financial Position* tas-sena 2019, 2018, 2009, 2016, 2015, 2014, 2013, 2012, 2011, 2006, 2004, 2003 u 2002.

Dok PV11: Ittra mid-ditta Joseph Tabone & Co datata 3 ta' Ġunju 1991

Dok PV12: Rendikont tas-sena 2013

Dok PV13: *Graph* li turi s-sitwazzjoni tal-kredituri bejn is-sena 2001 u 2019

Dok PV14: *Statement of Cash Flows* mis-sena 2019 sas-sena 2002.

Dok PV15: *Aerial view* tal-park fis-snin 2019, 2002 u 2013

Dok PV16: Skambju ta' imejls datati Marzu 2014 rigward il-minuti

Dok PV17: Minuti ta' laqgħa tal-Bord tad-Diretturi datata 16 ta' Jannar 2013

Dok PV18: Minuti ta' laqgħa tal-Bord tad-Diretturi datata 12 ta' Settembru 2012

Dok PV 19: Minuti ta' laqgħa tal-Bord tad-Diretturi datata 12 ta' Novembru 2012

Dok PV20: Korrispondenza ma' Alex Brincat datata Ġunju 2014 fejn saru *projections* minħabba x-xogħolijiet fi Triq Tal-Kosta

Dok PV21: Korrispondenza varja li turi raġunijiet għala l-laqgħat annwali ġenerali kienu jiġu posposti.

Dok PV22: Minuti tal-Laqgħat Ġenerali Annwali tat-22 ta' Lulju 2020

Dok PV23: *Sanction Letter* maħruġa mil-Lombard Bank datata 15 ta' Settembru 2015

Dok PV24: Kopja tal-affidavit ta' Maurice Mizzi

Dok PV25: Dokument diġà esebit minn Alex Brincat rigward pendenzi fit-taxxa

Dok PV 26: Skambju t'imejls ma' Alex Brincat li juri li anke meta dan irriżenja minn direttur Patrick Vella xorta baqa' jikkomunika miegħu

Dok PV27: Dokument diġà esebit rigward kif inqassmu mill-ġdid l-ishma fil-kumpanija fl-2009, flimkien ma dokumenti oħra sabiex seħħ dan, inkluż il-*Memorandum of Association* kif ammendat

Dok PV28: Imejl li permezz tagħha Alex Brincat informa numru ta' azzjonisti rigward ir-riżenja tiegħu minn direttur, liema imejl ma kinitx ikkomunikata uffiċjalment lil Bord u lanqas lill-azzjonisti kollha.

Dok PV29: Dokument fejn ix-xhud jistaqsi mnejn jirriżulta li Alex Brincat huwa azzjonist

Dok PV30: Numru ta' dokumenti rigward il-garanzija li Alex Brincat kellu fuq l-*overdraft* tal-kumpanija li pprova jwaqqaf

Dok PV31: Dokument fejn ix-xhud jallega li r-raġuni vera li Alex Brincat irriżenja minn direttur kienet biex isir *insurance auditor.*

Dok PV32: Ittra datata l-1 ta' Lulju 2016 mingħand Absolute Occupational Health & Safety Services fejn hu indikat li l-park kien konformi mar-regoli dwar l-*occupation health & safety*.

Dok PV33: Kopja tal-minuti tal-Laqgħa Annwali Straordinarja li saret fil-31 ta' Lulju 2009

Dok PV34: Korrispondenza li turi proposti sabiex jiżdied il-kapital tal-kumpanija datata sa minn Lulju 2009.

In **kontro-eżami**, jgħid li hu sar direttur tal-kumpanija fl-aħħar tas-snin disgħin u ċjoè meta kien għadu ħaj missieru u dak iż-żmien kienu hu, missieru, ħuħ u kien hemm żmien fejn l-Avukat Paul Farrugia kien fuq il-Bord. Jgħid li f'dak iż-żmien id-diretturi kienu missieru, Maurice Mizzi, Joseph Brincat, it-tabib Brincat u Jeremy Brincat.

Jikkonferma li Francis Gambin kien l-ewwel wieħed li rriżenja bħala direttur u kien l-inqas direttur li kien jattendi għal-laqgħat u jibgħat *proxy*. Dwar ir-raġuni tad-djun ċitata minn Francis Gambin jgħid li d-djun kien ilhom hemm u kien qed jitħallsu u fil-frattemp jidħlu oħrajn. Jikkonferma li l-prijorità tad-diretturi l-oħra kienet li jħallsu l-kont pendenti tal-VAT flok tal-ARMS. Mistoqsi rigward il-mandat ta' sekwestru li ħareġ fuq Francis Gambin, jgħid li dak il-mandat kien inħareġ fuqu wkoll.

Mistoqsi fil-perjodu bejn l-2013 u l-2017 kienux isiru laqgħat jgħid li kienu jsiru kemm laqgħat tal-Bord tad-Diretturi u kemm Laqgħat Ġenerali Annwali. Mistoqsi jekk hux minnu li f'dawk l-erba' snin ma saritx Laqgħa Ġenerali Annwali jgħid li ma jiftakarx iżda kien hemm perjodu li l-awdituri ttardjaw fil-kontijiet annwali iżda mbagħad saru u kien hemm ukoll perjodu fejn l-azzjonisti kienu jtawwlu biex il-laqgħa ma ssirx. Jispjega li kien għajjat Laqgħa Ġenerali Annwali f'Awwissu tas-sena 2016 u ma kinux attendew l-azzjonijisti, imbagħad kien sejħu f'Ottubru u minħabba li wasal tard l-azzjonisti telqu ma stennewx u fl-aħħar sar f'Jannar 2017. Jikkonferma li f'dik il-laqgħa ġew ippreżentati l-kontijiet annwali tas-snin 2014 u 2015 mentri tas-sena 2016 ġew ippreżentati fis-sena 2018.

Jikkonferma li *dividends* lill-azzjonisti qatt ma tqassmu. Jikkonferma li r-rikorrenti meta kienu diretturi qatt ma tħallsu *directors' fees.* Jgħid li hu jitħallas u dana stante li hu mhux sempliċiment persuna fuq bord li kultant jattendi laqgħa iżda jagħmel xogħol fil-park f'kull ħin ta' kull ġurnata u kull fejn ikun hemm il-bżonn. Jgħid li l-ħlas tiegħu beda mis-sena 2009 meta beda jagħmel il-ħinijiet fuq il-post. Jikkonferma li bejn l-2009 u l-2015 kien jirċievi s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) fis-sena li mill-2016 tela' għal erbgħin elf Ewro (€40,000) u baqa' tiela kif isir fid-dinja tax-xogħol.

Mistoqsi dwar l-informazzjoni li kien jagħti lir-rikorrenti jgħid li meta kienu diretturi kien jagħtihom informazzjoni li tirrispekja l-kariga tagħhom ta' diretturi, iżda meta ma baqgħux beda jagħti biss informazzjoni dovuta lil persuna bħala azzjonista. Mistoqsi dwar kif għaddielhom l-informazzjoni fit-tliet (3) snin li ma saritx laqgħa ġenerali annwali, jgħid li f'dak iż-żmien kien hemm Alex Brincat direttur li jirrappreżentahom u għalhekk kien l-obbligu tiegħu li jinfurmahom. Oltre minn hekk, jgħid li dejjem setgħu jmorru għandu u jistaqsuh d-domandi u hu dejjem kien lest biex jirrispondi. Jgħid li din l-informazzjoni però qatt ma ntalbet.

Jispjega li l-proġett ta' Triq il-Kosta affetwa s-sjuf tas-sena 2014 u tas-sena 2015 u kien ikun hemm ġranet li lanqas kien hemm aċċess għall-park. Jgħid li f'dan iż-żmien kien ikollu diversi laqgħat sabiex jinsisti dwar l-istess aċċess.

Fix-xhieda tiegħu, **Paul Mifsud** jgħid li ilu mill-2004 *accountant* tal-kumpanija u mill-2010 sa Marzu tas-sena 2021 serva wkoll bħala direttur wara li ġie nominat minn Salamanda Limited. Fir-rigward tal-

allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti jgħid li laqgħat tad-diretturi kienu jsiru kemm formalment u kemm informalment aktar minn darba fis-sena u jaf dan għax kien ikun preżenti. Jgħid li dawn il-laqgħat kienu jattendu għalihom jew id-diretturi kollha jew kienu jibgħat lil xi ħadd minflokhom.

Mistoqsi x'jiddistingwi laqgħa formali minn dik informali, jgħid li laqgħa formali timxi mal-istatut tal-kumpanija u trid tissejjaħ erbatax (14)-il ġurnata qabel, tipprovdi aġenda, etc mentri kienu jsiru laqgħat oħra bejn id-diretturi meta jinqalgħu sitwazzjonijiet li jridu soluzzjoni li ma tippermettix dak iż-żmien. Jgħid li d-diretturi kienu jattendu għal-laqgħat formali iżda fir-rigward tal-laqgħat informali kien ikun hemm resistenza. Mistoqsi għala ma baqax direttur jgħid li dan kien minħabba li ġiet introdotta l-liġi tal-*Company Services Provider* li tistipola li biex tkun direttur irid ikollok liċenzja.

Fir-rigward tad-dejn tal-kumpanija jgħid li fl-2001 id-dejn tal-kumpanija kien kważi miljun u nofs Ewro (€1,500,000) u sa fejn kien jisma' dan id-dejn kien ġej minn meta tkabbar il-park kif ukoll l-investiment li sar f'Marine Land li kien mar ħażin. Jispjega li sussegwentement fl-2004 u l-2005 sar investiment fejn il-park ġie mkabbar u f'dak iż-żmien id-dejn kien qiegħed jonqos. Jgħid li kien hemm nuqqas kostanti tad-dejn. Jispjega li d-dejn irid jiġi kkomparat mal-attività tal-kumpanija. Jgħid li f'kull laqgħa li kien hemm dejjem ġie spjegat id-dejn kif qed jitħallas u dawk preżenti kienu jidhru sodisfatti bir-risposta.

Jgħid li t-*turnover* tal-kumpanija baqgħet kostanti sal-2004 iżda żdied b'mod sostanzjali fl-2005 u baqa' tiela sal-2019, ħlief għaż-żmien bejn l-2013 u l-2015. Jispjega li kull sena kien qed isir investiment kostanti. Isostni li d-dejn tal-kumpanija jrid jiġi kkomparat mal-moviment tal-kumpanija fejn it-*turnover* qiegħed dejjem jiżdied u l-kredituri dejjem jonqsu. Mistoqsi dwar l-allegat ftehim ta' kiri tal-park, jgħid li hu ma jaf xejn dwar dan.

Mistoqsi dwar il-pagi tal-impjegati jgħid li kien hemm żmien li ċertu pagi kien waqgħu lura iżda l-impjegati kienu miftehmin ma' Patrick Vella u fl-aħħar mill-aħħar dejjem tħallsu. Jikkonferma li llum kollha jitħallsu fil-ħin. Jgħid li Patrick Vella kien joħroġ il-flus hu biex iħallas l-impjegati fl-istaġun meta l-park ma kienx ikollu dħul imbagħad jiġi rimborzat mill-kumpanija. Jgħid li din kienet deċiżjoni ta' Patrick Vella bħala direttur. Mistoqsi d-diretturi l-oħra kinux konsapevoli tas-sitwazzjoni jgħid li hu kien ikun jaf u

ġieli ssemmiet f'bordijiet iżda ma jafx tirriżultax mill-minuti. Jgħid li f'kull bord kien jissemma li PDK kienet toħroġ flus li imbagħad tieħu lura fis-sajf.

Mistoqsi dwar kinux jiġu sottomessi l-kontijiet finanzjarji lill-awtoritajiet kompetenti jgħid li ġew sottomessi madwar sena tard iżda ġew sottomessi.

Mistoqsi dwar it-tħassib serju dwar is-sigurtà tal-park jgħid spezzjonijiet saru kull sena u dejjem kienu rrangati l-affarijiet li rriżultaw ħżiena.

Jaqbel mal-allegazzjoni li l-Bord tad-Diretturi mhux kostitwit skont l-istatut u dana stante li ma' Francis Gambin qatt ma kien hemm ftehim dwar min kellu jinnomina direttur u d-diretturi l-oħra li rriżenjaw qatt ma nnominaw lil ħadd. Jgħid li l-fatt li l-Bord mhux kompost mhuwiex attriwibbli lil Patrick Vella.

Fir-rigward tal-kontijiet b'lura, jgħid li l-ARMS qiegħed *in order* u qed jitħallas regolarment u l-istess jgħid dwar id-Dipartiment tat-Taxxa u d-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali. Fir-rigward tad-Dipartiment tal-VAT jgħid li għad hemm bilanċ li qed jitħallas ftit ftit kull sena.

Isostni li dejjem kien hemm qbil li l-kumpanija għandha nuqqas ta' kapital u ċjoè meta ġew investiti l-flus biex issir il-kumpanija ma kienx hemm biżżejjed flus għall-attività li kellha tagħmel il-kumpanija. Jgħid li PDK Investments kien joħroġ ħafna flus li jerġa' jiġbor lura mill-kumpanija wara ċertu żmien. Jispjega li d-diskussjoni dwar il-fatt li l-kumpanija kienet *undercapitalised* kienet tqum kemm-il darba. Jgħid li qatt m'aġixxew dwarha u self qatt ma żdied lanqas minkejja li ġieli saru xi diskussjonijiet. Mistoqsi jekk sarux kontribuzzjonijiet mill-azzjonisti rikorrenti qabel l-2017 jgħid li le.

In sostenn tax-xhieda tiegħu, ix-xhud ippreżenta s-segwenti dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok PM1: Skeda tad-Dejn tal-kumpanija mill-2001 sal-2019

Dok PM2: Skeda tal-*Capital Expenditure* tal-Kumpanija mill-2002 sal-2019

Dok PM3: Skeda tat-*Turnover* tal-kumpanija mill-2001 sal-2019

Dok PM4: Skeda li turi l-kredituri tal-kumpanija komparati mat-*turnover* mill-2001 sal-2019

In **kontro-eżami** jgħid li hu kien konxju tal-proċeduri inizzjati mid-Dipartimat tal-VAT u ma jafx li kien hemm proċeduri legali li ma kienx jaf bihom.

Ix-xhud ppreżenta *breakdown* tad-djun tal-kumpanija mill-2005 sal-2019 (Dok PM5) li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu. Jispjega d-distinzjoni bejn *trade creditors* - ċjoè l-kredituri li minn għandhom tieħu l-affarijiet għall-operat tal-kumpanija - u *capital creditors* - ċjoè dawk id-djun ta' meta jkun sar investiment f'kapital. Jispjega li *other creditors* jikkonsistu f'N.I. u VAT.

Mistoqsi dwar jekk kien hemm *net loss* fil-kumpanija fis-snin 2008 sas-sena 2016, jgħid li ġieli kien hemm *net losses* iżda ma jafx bl-amment meta kienu dawn. Mistoqsi dwar l-arranġament li kien hemm bejn Patrick Vella u l-impjegati dwar il-ħlas tardiv kienx bil-miktub, jgħid li qatt ma rah miktub. Jgħid li jaf bih għax kemm Patrick Vella u kemm l-impjegati kienu qalulu.

Ix-xhud ippreżenta s-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok PM 6: Lista ta' *directors fees* ta' Leisure & Theme Park Limited mis-sena 2005 sas-sena

Dok PM7: *Profit & Loss Statement* ta' Leisure & Theme Park Limited mis-sena 2008 sas-sena 2016

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Illi r-**rikorrenti** jispjegaw ir-raġunijiet varji għall-azzjoni minnhom meħuda *ai termini* tal-Artikolu 402 tal-KAP 386, u ċjoè:

primarjament li s-soċjetà qiegħda titmexxa fl-interess predominantament ta' wieħed mid-diretturi, Partick Vella, u,

li l-Bord tad-Diretturi mhuwiex kompost skont il-*memorandum* tal-kumpanija, u,

li ma kienx hemm laqgħat ġenerali kif suppost u ċjoè bejn Jannar 2013 u Ġunju 2017 ma ssejħet ebda laqgħa, u,

jilmentaw dwar id-dejn konsiderevoli tal-kumpanija li rriżulta fi proċeduri legali u saħansitra kriminali u li r-rikorrenti ma kinux infurmati dwar dawn id-djun.

Isostnu li minkejja li Patrick Vella jgħid li ħareġ diversi flus minn butu, ma ġab l-ebda prova ta' dan, apparti l-fatt li mhux minnu li kien l-unika azzjonista li għamel dan. Oltre minn hekk, kien qed idaħħal il-flus tal-kumpanija f'kont tas-soċjetà PDK Limited minflok fil-kont tal-kumpanija *de quo*. Jikkontendu li għad hemm misteru dwar fejn marru l-flus tal-kumpanija.

Isostnu li hemm tħassib serju dwar is-sigurtà tal-Isplash and Fun Park stante li ma ttieħdu ebda passi biex jiġi implimentati r-rakomandazzjonijiet li saru fir-Risk Assessment li sar fl-2015.

Jgħidu li bħala konsegwenza tat-tmexxija ħażina tal-kumpanija ma ġewx sottomessi il-kontijiet annwali minkejja diversi talbiet lil Patrick Vella.

Ukoll jgħidu li l-park mhux qed jiġi amministrat tajjeb u dana stante n-nuqqas ta' bejgħ kif ukoll il-pagi mhux mħallsa tal-impjegati, kif ukoll numru ta' ċekkijiet li ma jissarfux.

Finalment, jikkontendu li huma qatt ma tħallsu xi tip ta' *dividend* u dan partikolarment in vista tal-fatt li Patrick Vella kien qed jitħallas salarju kif minnhu deciz.

Jissottomettu li s-suespost huwa prova li l-aġir li dwaru qed isir ilment kien oppressiv, diskriminatorju jew ta' preġudizzju għall-istess membri u dan sabiex l-azzjoni tirnexxi taħt l-Artikolu 402. Isostnu li l-prova m'hemmx għalfejn tkun waħda assoluta u l-Qorti għandha diskrezzjoni assoluta sabiex tiddetermina jekk l-aġir li dwaru sar l-iment kienx wieħed ta' preġudizzju lejn l-azzjonisiti minoritarji. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Michael Cutajar pro et noe et vs SC & Company Limited** deċiża fit-30 ta' Jannar 2008, għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph M Vella et vs Vella Brothers Limited et** deċiża fid-9 ta' Marzu 2007 u d-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Av. Antoine Naudi noe vs Boreas Holding Limited** deċiża fit-13 ta' Lulju 2020.

Isostnu li għalhekk jirriżulta li l-Artikolu 402 huwa biżżejjed jekk tirriżulta anke ċirkostanza waħda biss minn dawk indikati fil-liġi u għalhekk huma alternattivi u mhux kumulattivi. Ifakkru li fil-mori ta' din il-kawża, minkejja li

saru tentattivi oħra sabiex l-affarijiet jitranġaw bejn il-partijiet, Patrick Vella baqa' ma provdiex l-informazzjoni mitluba minnu.

Għalhekk jissottomettu li qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tappunta amminsitratur li jissostitwixxi lill-intimat Vella bħala direttur, li jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-kumpanija u li għandu jħejji pjan sabiex jiġu mħallsa d-djun u barra minn hekk jerġgħu jiġu nominati d-diretturi *ai termini* tal-*Memorandum & Articles of Association* tal-Kumpanija.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi min-naħa tagħhom l-intimati **Leisure & Theme Park Limited, Patrick Vella, P.D.K. Investments Limited u Salamanda Limited** isostnu li r-rikorrenti bl-ebda mod ma ppruvaw l-allegazzjonijiet magħmula minnhom sabiex tiġi akkolta t-talba tagħhom a bażi tal-Artikoli 402 u 403(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar l-ilment li ma kienx hemm laqgħat tad-Diretturi regolari jgħidu li r-rikorrenti kellhom is-setgħa li jsejħu l-laqgħat tal-Bord, pass li huma qatt m'għamlu filwaqt li fis-sena 2014 għażlu li ma jappuntawx iktar diretturi bil-konsegwenza li abdikaw mid-dritt tagħhom li jipparteċipaw fit-tmexxija tal-kumpanija. Isostnu li Patrick Vella wera fix-xhieda tiegħu kif il-laqgħat dejjem issejħu u kien appunta *chairman* indipendenti sabiex imexxi l-laqgħat.

Fir-rigward tad-djun kunsiderevoli illi s-soċjetà kienet u qiegħda tinkorri, isostnu li kwalunkwe dejn dejjem sar esklussivament għall-ħtiġijiet tagħha. Oltre minn hekk, jikkontendu li mingħajr dak id-dejn il-kumpanija ma kinitx tikber kif kibret. Isostnu li kien sta għar-rikorrenti jġibu prova li d-dejn ma ġiex kuntrattat fl-interessi tal-kumpanija, iżda dan m'għamluhx. Jgħidu li lanqas ma nġabet prova li d-dejn ma kienx maniġibbli jew li b'xi mod ipperikola l-għixien tal-kumpanija. Isostnu anzi li d-dejn kien niżel b'mod konsiderevoli u ċjoè li d-dejn huwa proporzjonalment inqas minn li qatt kien. Jikkontendu li wieħed irid iqis il-fatturi kollha u ċjoè t-telf li sofriet il-kumpanija meta kien qed isir il-proġett tat-Triq tal-Kosta, li r-rikorrenti qatt m'investew fil-kumpanija u li sal-2014 r-rikorrenti kienu lkoll diretturi jew kellhom diretturi appuntati minnhom u għalhekk kellhom sehem sħiħ meta d-dejn sar. Barra minn hekk, jikkotendu li l-kumpanija kienet minn dejjem

*undercapitilised* kif ukoll li kienet għamlet investiment li mar ħażin f'Marine Land Limited.

B'referenza għall-allegazzjoni dwar proċeduri legali li dwarhom Patrick Vella ma kienx informa lid-diretturi l-oħra, jgħidu li dan l-ilment huwa għal kollox żbaljat stante li l-azzjonijiet kienu kollha jirrigwardaw id-djun tal-kumpanija u l-istess rikorrenti kienu notifikati kemm bil-proċeduri kif ukoll nħareġ mandat kontrihom. Jikkontendu li f'dak il-waqt kien Patrick Vella li uża kumpanija oħra biex il-kumpanija *de quo* setgħet tibqa' topera u r-rikorrenti jilmentaw anke dwar dan mentri kienet din il-mossa li salvat il-kumpanija.

Isostnu li ma nġabet ebda prova dwar xi ftehim ta' kiri tal-Park li rriżulta f'telf tal-kumpanija, anzi jgħidu li ħadd mir-rikorrenti ma kien kapaċi jwieġeb dwar din l-allegazzjoni. Jgħidu li mhux minnu, kif jidher mix-xhieda, li l-impjegati ma kienux qed jiġu mħallsa regolarment u l-impjegati stess fix-xhieda tagħhom kkonfermaw li tħallsu.

Fir-rigward tal-ilment li l-*audit statements* ma kienux qed jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti, isostnu li kif jemerġi mix-xhieda, dawn kollha ġew sottomessi. Dwar it-tħassib serju dwar sigurtà tal-park jgħidu li r-rikorrenti naqsu milli jippruvaw l-ilment tagħhom u dana stante li qatt ma kien hemm problema ta' sigurtà u kienu jsiru spezzjonijiet regolari.

Jispjegaw li l-unika raġunijiet għala l-Bord tad-Diretturi mhuwiex kompost skont l-istatut tagħhom hu attriwibbli lir-rikorrenti li rriżenjaw mill-karigi tagħhom u ma reġgħu appuntaw lil ħadd. Isostnu li spjegaw ampjament ċar ir-raġunijiet għaliex ma tqassmux *dividends* tal-kumpanija u dana stante li l-prijoritajiet kienu t-tkabbir u l-ħlas tad-djun.

Jgħidu li l-ilment li ma kienx hemm laqgħat ġenerali regolari rriżulta biss fis-sottomissjonijiet rikorrenti stante li fir-rikors promotur l-ilment kien dwar laqgħat tal-Bord tad-Diretturi. Isostnu li l-ilment dwar il-paga mħallsa lil Patrick Vella huwa fieragħ stante li hu l-unika persuna li jagħti każ u jqatta' ħin fin-negozju u ħadd ma kkontradixxa s-sehem tiegħu fl-operat tal-kumpanija.

Jikkumentaw dwar il-fatt li r-rikorrenti ma ressqux la lic-Chairman tal-kumpanija u lanqas lil *company secretary* sabiex jixhdu f'dawn il-proċeduri. Jissottomettu li lanqas ma nġiebet prova dwar kif is-soċjetà qed titmexxa fl-interess predominanti ta' Patrick Vella.

Fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja jsostnu li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija marret ferm 'il quddiem u dan kif ikkonfermat mill-Awditur Hector Spiteri. Jissottomettu li d-dubji dwar fejn marru l-flus jiġu kollha fix-xejn meta wieħed jara l-*financial statements* tal-kumpanija u l-awdituri qatt ma qajmu tħassib dwar dan.

Jirreferu għal ġurisprudenza volumuża in sosten tal-argument tagħhom li r-rikorrenti ma ġabu ebda prova li kien hemm kwalunkwe forma ta' *unfair behaviour* u li fil-fatt il-kumpanija tmexxiet tajjeb fi żminijiet diffiċli, u kienu l-azzjonijiet tar-rikorrenti nnifishom li waslu sabiex il-minoranza ġiet eskluża.

Jagħmlu referenza partikolari għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tat-18 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet **Brace Adonis v. Braai Masters Co Ltd** fejn talba simili għal dik tal-kawża odjerna ġiet miċħuda stante li r-rikorrenti ma kinux jitolbu l-informazzjoni u jattendu għal-laqgħat. Isostnu li fil-każ odjern is-sitwazzjoni hija terġa' agħar għax ir-rikorrenti abdikaw mir-responsabbilitajiet tagħhom stante li rriżenjaw mill-karigi tagħhom u m'appuntawx diretturi ġodda, kif ukoll qatt ma sejħu Laqgħa Ġenerali u rrifjutaw li jattendu għall-istess.

Jikkontendu li lanqas ma nġiebet prova mir-rikorrenti li turi li l-azzjonisti soffrew preġudizzju serju u ċjoè preġudizzju finanzjarju, anzi ġie muri kif il-valur tal-kumpanija żdied b'mod sostanzjali.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-azzjoni rikorrenti hija bbażata fuq l-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra testwalment hekk:

> ***402***.*(1) Kull membru ta' kumpanija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, jista' jagħmel rikors lill-qorti għal ordni taħt dan l-artikolu.*

Din il-Qorti tosserva l-insenjament estensiv tagħha, diversament preseduta, dwar l-applikazzjoni tal-artikolu ċitat fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Brace Adonis vs Braai Masters Co Ltd et** (657/2017JZM) deċiża fit-18 ta' Marzu 2021, liema studju u insenjament qiegħed jiġi hawn riprodott:

*Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) fl-4 ta` Frar 2009 fil-kawza "**Ellis v. Ellis**" inghad hekk :–*

*Jibda biex jinghad li dan il-provvediment jista` jigi nvokat mill-membri kollha, u mhux biss minn membri minoritarji u m`hemmx dubju li d-diskrezzjoni u l-poteri moghtija lill-qorti f`dan il-kuntest huma wesghin. Minn dan il-provvediment hu evidenti li :*

*(a) Dan il-provvediment japplika wkoll f`kaz ta` att jew ommissjoni izolata;*

*(b) Ir-rimedju jista` jinghata kemm ghal dak li jkun gara fil-passat u wkoll xi att propost li jsir fil-futur;*

*(c) L-ilment jrid ikun fuq it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija jew fuq att jew ommissjoni tal-kumpannija.*

*Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**Vella et v. Vella Brothers Ltd et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–*

*… l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-kumpaniji jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa` lill-Qrati u dan ghaliex dawn il-provvedimenti ghandhom l-ghan li jissalvagwardjaw u jipprotegu lill-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, partikolarment lil dawk li huma minoritarji u li ghalhekk qeghdin fl-impossibilita` li jirregolaw il-mod li bih tkun qed titmexxa s-socjeta` li fiha huma jkollhom interess*

*…*

*din id-dispożizzjoni, li hija bbazata fuq l-Art.459 tal-Companies Act (1985) Ingliza, hija ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legalistici biex*

*ikun jista` jigi moghti rimedju. Dak li hu necessarju hu li l-azzjonista jipprova li minhabba l-gestjoni tas-socjeta` partikolari hu qed isofri, jew ukoll jista` jsofri, pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi sempliciment ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromwovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interess in generali tal-azzjonisti. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` possibilita` ("**__Vincent Monreal et v. Lino Delia noe__**" deciza mill- Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta` Mejju,1999). Infatti gie deciz mill-Qrati Inglizi fil-kawza **__in re Bovey Hotel Ventures Ltd__** [(1983) B.C.L.C. 290] li `the Court will not give a list of situations when this remedy may be resorted to however one principle remains clear. A shareholder may make use of this article when his shareholding in the company has been seriously diminished at least seriously jeopardized by reason of a course of conduct or the part of those who have the de facto control of the company, which has been unfair to the member concerned".*

*…*

*Fid-decizjoni **__O`Neill v Phillips__** moghtija mill-House of Lords fl-20 ta` Mejju 1999, gie ritenut illi l-legislatur ried illi biex jinghata rimedju taht l-artikolu jigi kkunsidrat il-kriterju ta` dak li huwa `fair`. Izda Lord Hoffman izid ighid li - "Although fairness is a notion which can be applied to all kinds of activities, its content will depend upon the context in which it is being used … The requirement that prejudice must be suffered as a member should not be too narrowly or technically construed."*

*Fid-decizjoni **__In Re Bovey Hotel Ventures Ltd.__** (1983) Slade J ighid hekk dwar unfair prejudice :-*

*The test for unfairness must, I think, be an objective, not a subjective, one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have de facto control*

*of the company have acted as they did in the conscious knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith ; the test, I think is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner`s interests.*

*Fis-sentenza "**Monreal et vs Delia noe**" (op. cit.) inghad :–*

*Dawn il-provedimenti huma ta` salvagwardja u ta` protezzjoni ghall-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, b`mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta` socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju, ta` socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista` jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f`kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista` jsofri xi pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti. In vista ta` dan kollu jista` jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista` jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` probabbilita`. Inoltre, skond dak li hemm provdut fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu 402, il-Qorti tista` tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skond dawn il-provedimenti, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel.*

*Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**Ellul v. Ellul pro et noe**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–*

*… Fil-ligi Ingliza (ara Art 459 tal-Companies Act, 1985) jinstab rimedju simili li hu maghruf bhala "The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti tal-Appell Ingliza stabbiliet fil-kaz "**in Re Saul D. Harrison & Sons plc** ([1995]) 1BCLC 14)" il-linji ta` gwida dwar kif kellu jkun l-operat biex ikun jista` jigi kkwalifikat bhala, "unfairly prejudicial" (fit-test tal-Ligi Maltija din il-frazi hi tradotta "b`mod mhux gust ta` pregudizzju"). Wiehed kellu, fl-ewwel lok, jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpanija. Izda fl-applikazzjoni tal-imsemmija dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettattivi legittimi ("legitimate expectations") li r-rikorrent jista` jkollu u li sikwiet ikunu ferm aktar wiesgha mid-drittijiet strettament legali li johorgu mill-istatut tas-socjeta`. Dawn l-aspettativi legittimi jitwieldu minn xi relazzjonijiet personali partikolari bejn l-azzjonisti. Fil-kaz **Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd**. ([1973] AC 360) Lord Wilberforce elenka numru ta` sitwazzjonijiet fejn dan ir-rimedju jista` jinghata, sitwazzjonijiet dawn li x`aktarx jinstabu f`kumpaniji zghar privati li ta` sikwiet jissejhu "quasi partnerhsips", fosthom is-segwenti :-*

*"(i) an association formed or continued on the basis of a personal relationship, involving mutual confidence – this element will often be found where a pre-existing partnership has been converted into a limited company*

*(ii) an agreement, or understanding, that all, or some (for there may be "sleeping members") of the shareholders shall participate in the conduct of the business ;*

*(iii) restriction upon the transfer of the members` interest in the company – so that if confidence is lost, or one member is removed from management, he cannot take out his stake and go elsewhere".*

*Fid-decizjoni tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-7 ta` Ottubru 2016 fil-kawza **Av. Dr. Pio M. Valletta noe v. Jeno Torocsik et** inghad illi sabiex ikun hemm unfair prejudice, (a)*

*it-test irid ikun wiehed oggettiv ; (b) m`hemmx htiega li l-attur jipprova l-mala fede ; (c) m`hemmx htiega li l-attur jipprova li kien hemm intenzjoni li tikkawza pregudizzju ; (d) mhux gust ma jfissirx bilfors li l-agir irid ikun illegali ; u (e) l-agir irid ikollu effett negattiv fuq l-attur bhala azzjonist.*

*Fid-decizjoni* ***Re Coroin Ltd*** *– 2012 – All ER (d) 58(Feb) – EWHC 129 (Ch) – moghtija mic-Chancery Division tal-Ingilterra – David Richards J. qal hekk :-*

*"630. Prejudice will certainly encompass damage to the financial position of a member. The prejudice may be damage to the value of his shares but may also extend to other financial damage which in the circumstances of the case is bound up with his position as a member … The prejudice must be to the petitioner in his capacity as a member but this is not to be strictly confined to damage to the value of his shareholding. Moreover, prejudice need not be financial in character. A disregard of the rights of a member as such, without any financial consequences, may amount to prejudice falling within the section.*

*631. Where the acts complained of have no adverse financial consequences, it may be more difficult to establish relevant prejudice. This may particularly be the case where the acts or omissions are breaches of duty owed to the company rather than to shareholders individually. If it is said that the directors or some of them had been in breach of duty to the company but no loss to the company has resulted, the company would not have a claim against those directors. It may therefore be difficult for a shareholder to show that nonetheless as a member he has suffered prejudice …"*

*Fil-pag. 449 ta`* ***Farrar`s Company Law*** *(Fourth Edition) jinghad illi :-*

*A member`s interests are not necessarily limited, therefore, to his strict legal rights under the Articles and the Companies`*

*Act but can extend also to legitimate expectations as to the conduct of the company`s affairs arising from the nature of the company and the agreements and understandings between the parties.*

*Fil-pag. 464 tat-Third Edition ta`* ***__Farrar`s Company Law__*** *jinghad illi :-*

*… The position will vary greatly from the small private companies, commonly called quasi-partnerships, to public companies of considerable size. As a quasi-partnership, the company will usually have been formed or continued on the basis of a personal relationship involving mutual confidence. There may be an agreement or understanding that all or some of the shareholders are to participate in the conduct of the business. Restrictions on the transfer of shares will be the rule rather than the exception. The individuals involved may also have made relatively substantial capital contributions to the company. Shareholders in such companies will be a small close-knit group, actively involved in many instances in the daytoday operations and financially and personally committed to the company. Here the scope for legitimate expectations beyond their strict legal rights is obviously greatest.*

*However, as Lord Wilberforce stressed* ***__in Ebrahimi v Westbourne Galleries Ltd__****, the case for giving effect to equitable considerations must be made in each instance and it is not sufficient simply to assert that the company is small or private, for in many cases the basis of the relationship will be adequately and exhaustively laid down in the articles. If it is so defined by the articles or, for example, by the articles supplemented by a shareholders` agreement, then there is little room for finding further legitimate expectations beyond those outlined in the documents.*

*The interests of shareholders in larger private and public companies, on the other hand, are likely to be quite different from those of shareholders in quasi-partnerships and*

*considerably more restricted. In these larger companies there is usually no underlying personal relationship, employment is rarely an issue and the shareholders are more interested in such matters as dividend yield and capital appreciation than involvement in the day-to-day running of the company. If they become dissatisfied, especially if it is a public company, they can sell their shares and withdraw from the company. Here the members rarely have expectations beyond their strict legal rights as provided by the articles.*

*"That is not to say that s.459 does not apply to larger private companies and public companies for the section is clearly not limited to quasi partnerships. The point is that it may be harder to establish conduct which is unfairly prejudicial to the interests of the members in such companies.*

*Fil-pag 409 ta`* ***Cases and Materials on Company Law*** *(Fifth Edition) l-awturi* ***Hicks and Goo*** *jirrimarkaw illi :-*

*In the early days of S.459, it was thought that the petitioner must have unfairly suffered prejudice to an interest as a member only (and not eg. as a director). This requirement has never been relaxed in that the Court is prepared to recognise that members may have different interests having regard to their rights, expectations and obligations (**Re a company** (No 00477 of 1986 [1986 BCLC 376; **O`Neill v Phillips**. [1999] 1 WLR 1092). This is particularly so in quasi-partnership cases where a minority is excluded from management. But where the articles make detailed provision for any departing members to sell their shares at a fair price, the position may be different …Section 459 has proved to be a powerful weapon for minority shareholders, particularly in the case of quasi-partnerships. In such companies, minorities who are excluded from management participation or who unfairly suffer loss as a result of wrongdoing by directors or majority shareholders may get relief under the section.*

*Fil-pag 506 ta` **Company Law** (op. cit.) **Brenda Hannigan** tirrimarka li :-*

*"Mere deadlock between the parties who have lost trust and confidence in one another is insufficient then to merit relief under CA 2006, s 994, in the absence of prejudicial conduct."*

*Fil-pag 711 ta` **Boyle & Birds` Company Law** (Eight Edition – 2011 – Jordans) jinghad :-*

*"The term "unfair prejudice" whether analysed as a `standard` or a `concept` is a relatively more objective one which is concerned with running the company in a way that is clearly unfair in its consequences to the complaining shareholder, even if the respondents can claim to have acted in the best of good faith."*

*Fil-pag 691-692 tal-ktieb **Gower and Davies - Principles of Modern Company Law** (Eighth Edition – 2008 – Sweet & Maxwell) jinghad illi :-*

*" … the courts recognised that sec 994 protects expectations and not just rights. Borrowing from public law, it is sometimes said that the section protects the "legitimate expectations" of the petitioner, though more recently the courts have preferred the private law phrase "equitable considerations" [Qorti tal-Appell Ingliza fil-kawza "**Saul D Harrison & Sons plc**" – 1995 – ghall-uzu tal-frazi "legitimate expectations" ; House of Lords – "**O`Neill vs Phillips**" – 1999 – ghall-uzu tal-frazi "equitable considerations"] Whatever the language used, the difficult issue is to distinguish those expectations of the petitioner which are to be classified as "legitimate" or which considerations are to fall within the category of "equitable considerations" and so as deserving of legal recognition and protection from those expectations which the petitioner may harbour as a matter of fact but which the courts will not protect."*

*Fil-pag 569-570 tal-ktieb **<u>Company Law</u>** (26th Edition – 2009/2010 – OUP) l-awturi **<u>Mayson, French & Ryan</u>** ighidu hekk b`riferenza ghad-decizjoni ta` Re Saul D Harrison and Sons citata aktar kmieni :-*

*"The words `unfairly prejudicial` are general words and they should be applied flexibly to meet the circumstances of the particular case … The conduct [being complained of] must be both prejudicial [in the sense of causing prejudice or harm to the relevant interest) and also unfairly so; conduct may be unfair without being prejudicial or prejudicial without being unfair, and it is not sufficient if the conducts satisfies only one of these tests."*

*Ikomplu billi jaghmlu riferenza ghal "**<u>O`Neill vs Phillips</u>**" (op. cit.) in partikolari dwar l-ghazla li ghamel il-Parlament Ingliz –*

*"Parlament has chosen fairness as the criterion by which the court must decide whether it has jurisdiction to grant relief … it chose this concept to free the court from technical considerations of legal right and to confer a wide power to do what appeared just and equitable. But this does not mean that the court can do whatever the individual judge happens to think fair. The concept of fairness must be applied judicially and the content which it is given by the courts must be based upon rational principles. Although fairness is a notion which can be applied to all kinds of activities its content will depend upon the context in which it is being used."*

Din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid ma dan l-insenjament u din l-espozizzjoni cara u sabiha illi din il-Qorti diversament preseduta taghti, li huwa pjuttost eżawrjenti u għalhekk sejra issa tgħaddi sabiex tapplika dan l-insenjament għall-fattispeċi tal-każ odjern.

Il-Qorti tibda billi tfakkar li l-artikolu 402 tal-Kap 386 jagħmiha ċara li sabiex azzjoni taħt l-istess artikolu tirnexxi huwa biżżejjed li tirriżulta ċirkostanza waħda minn dawk elenkati mir-rikorrenti.

Il-Professur Andrew Muscat ighid (Pag 1317 ta' **Principles of Maltese Company Law** (Volume Three : Second Edition : MUP : 2019)

> *This wording clearly suggests that the member need only prove one effect of the conduct, act or omission, that is, that such conduct, act or omission, has been, is or is likely to be "oppressive" or "unfairly discriminatory" or "unfairly prejudicial" or contrary to interests….*

Fis-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2008 fil-kawża **Cutajar pro et noe et v. S.C. & Company Limited et** ngħad:

> *Illi l-prova biex tirnexxi dina l-azzjoni tispetta lir-rikorrenti li ressqu dina l-azzjoni. Huma jridu jippruvaw li (a) l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li… (b) jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali. Il-ligi taghna ma taghtix spjegazzjoni ta` x`inhu oppressiv b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju. Kull kaz ghalhekk irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju, u dana kaz b`kaz. L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista` tintervjeni f`dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba unfair dealing fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta` pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew.*

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-każ odjern jikkonċerna l-kumpanija Leisure and Theme Park Limited li ġiet inkorporata fl-1986 bl-għan li toħloq park tal-logħob tal-ilma li rrealizza ruħu fl-iSplash & Fun Park ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Jirriżulta illi f'perjodu ta' tletin (30) sena minn meta ġiet inkorporata l-kumpanija sa meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni, saru numru ta' bidliet inkluż fil-membri nnifishom għal diversi raġunijiet, liema tibdil jinkludi bidla fl-azzjonisti maġġoritarji tal-kumpanija. Fil-frattemp kien hemm ukoll tibdil fl-operat, fejn il-park inbena, inbidel u aġġorna ruħu għal dak li hemm illum.

Dawn huma affarijiet naturali li jiġru f'kull kumpanija speċjalment meta wieħed iqis l-ammont taż-żmien u t-tip t'operat li għandha l-kumpanija *de quo*.

Ir-rikorrenti ressqu diversi lmenti quddiem din il-Qorti dwar kif l-interessi tal-azzjonisti minoritarji ġew esklużi, iżda l-ilment prinċipali tar-rikorrenti hu li l-intimat Patrick Vella, li tramite l-ishma tiegħu jirrappreżenta l-azzjonisti maġġoritarji, qed imexxi l-kumpanija fl-interessi esklussivament tiegħu u bi preġudizzju għall-interessi tagħhom.

Din il-Qorti semgħet u fliet ix-xhieda mressqa miż-żewġ partijiet u sejra tgħaddi biex teżamina bir-reqqa l-allegat preġudizzju taħt kull wieħed mill-ilmenti imressqa mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom.

## **Il-Bord tad-Diretturi mhuwiex kostitwit skont il-*Memorandum & Articles of Association* tal-Kumpanija**

Mhu kkontestat mill-ebda parti f'dawn il-proċeduri li l-Bord tad-Diretturi mhuwiex kostitwit kif suppost. In-nuqqas ta' qbil f'dan ir-rigward jikkonċerna r-raġunijiet għaliex l-Bord tad-Diretturi mhux kostitwit kif irid l-istatut tal-kumpannija, imma hu ta min hu t-tort, jibqa' l-fatt illi l-Bord mhux kostitwit kif jixraq.

Ir-rikorrenti jisħqu li huma rriżenjaw mill-Bord stante li ma setgħux jaħdmu aktar ma' Patrick Vella primarjament għax kienu qed jiġu mgħobbija b'responsabilitajiet bħala diretturi dwar materji li ma kienux ikunu nfurmati dwarhom, kemm minħabba nuqqas ta' laqgħat tal-Bord tad-Diretturi u kemm minħabba nuqqas ta' informazzjoni mogħtija lilhom.

Min-naħa tiegħu Patrick Vella xehed estensivament u anke ppreżenta dokumenti li juru li laqgħat tal-Bord tad-Diretturi kienu jsiru u kienu jiġu mwieġba diversi mistoqsijiet impoġġija lilu.

Il-Qorti hawnhekk tħoss li għandha tagħmel osservazzjoni fir-rigward tal-irwol tal-intimat Patrick Vella fil-park. Jemerġi b'mod ċar mix-xhieda, u dana ma ġie bl-ebda mod kontradett, li Patrick Vella huwa aktar *hands on* fix-xogħol u fl-operat tal-park - mentri jidher li r-rikorrenti, partikolarment dawk li servew bħala diretturi, ma kinux involuti fl-operat per se tal-park u ghalkemm kien hemm minnhom li jżuru l-park regolarment, imma huwa ċar f'moħħ il-Qorti minn dak li rriżulta mill-provi, illi l-intimat Patrick Vella

jagħmel aktar ħinijiet, jiddedika aktar energija u jidħol aktar fl-affarijiet ta' kulljum tal-operat. Konsegwenza ta' hekk huwa naturali li hu ser ikun jaf aktar u ser ikollu aktar informazzjoni minn persuna li żżur il-park biss għall-laqgħat jew taccedi okkazjonalment fil-park. Naturalment, dan iservi biex jinkombi fuq Patrick Vella l-obbligu li mbagħad jgħaddi l-informazzjoni lid-diretturi l-oħra u lill-azzjonisti. Fuq kollox jirrizulta illi qiegħed jitħallas tax-xogħol li qed jagħmel kif hawn fuq spjegat.

Ma nġiebet l-ebda prova fis-sens li sal-2013, u ċjoè meta rriżenjaw ir-rikorrenti mill-karigi tagħhom ta' diretturi, ma kinux qed isiru laqgħat tal-Bord tad-Diretturi, anzi ġew ippreżentati quddiem din il-Qorti il-minuti tal-istess laqghat.

Il-Qorti tosserva li saru ukoll numru ta' allegazzjonijiet li ma ġew bl-ebda mod sostanzjati mir-rikorrenti u ċjoè li l-park inkera u li kien hemm proċeduri legali li ma kinux jafu bihom u għalhekk din il-Qorti tqis illi dawn jibqghu biss allegazzjonijiet.

Għalhekk tibqa' l-kwistjoni dwar il-Bord tad-Diretturi li baqa' mhux kostitwit kif imiss. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għal klawsola 6 tal-Memorandun & Articles of Association tal-Kumpanija (a fol 1404) li jgħid is-segwenti:

> *The administration and management of the company shall be vested in a Board of Directors consisting of not less than five (5) directors and not more than eight (8) directors, of which 2 appointed by the Class A Shareholder, 1 appointed by the class B shareholder, 1 appointed by the Class C shareholder, 1 appointed by the class D shareholder, 1 appointed by the class E shareholder, 1 appointed by the class F shareholder, and 1 appointed by the class G shareholder.*

Il-Qorti rat ukoll id-distribuzzjoni tal-ishma u jirriżulta li l-ishma Class A huma fil-maġġor parti tagħhom ta' P.D.K. Investments Ltd u għalhekk is-soċjetà P.D.K. Investments Ltd għandha l-jedd li tappunta żewġ (2) diretturi, l-ishma Class B jappartjenu lil Carmelo Brincat li allura għandha l-jedd li jappunta Direttur wieħed, l-ishma Class C jappertjenu lil P.D.K. Investments Ltd li għalhekk għandha l-jedd tappunta Direttur wieħed, l-ishma Class D jappartjenu lil Louis Camilleri li għalhekk għandu l-jedd jappunta direttur wieħed, l-ishma Class E jappartjenu fil-maġġor parti tagħhom lil P.D.K. Investments li għalhekk għandha l-jedd tappunta Direttur wieħed, l-ishma Class F jappartjenu lil Francis Gambin u lil

Salamanda Ltd f'ishma ugwali bejniethom u għalhekk għandhom id-dritt li bejniethom jappuntaw direttur, u l-ishma Class G jappartjenu fil-maġġor parti tagħhom lil P.D.K Investments Limited li għalhekk għandha id-dritt tappunta direttur wieħed.

B'hekk P.D.K. Investments Limited għandha l-jedd tappunta ħames diretturi, Carmelo Brincat direttur wieħed, Louis Camilleri direttur wieħed u l-aħħar direttur irid jiġi miftiehem bejn Francis Gambin u s-soċjetà Salamanda Ltd.

Fix-xhieda tiegħu Patrick Vella jgħid li P.D.K. Investments Limited kellha tliet diretturi appuntati, u ċjoè Patrick Vella nnifsu, Paul Mifsud u P.D.K. Investments Limited. L-istess Patrick Vella ma ta l-ebda spjegazzjoni għaliex is-soċjetà P.D.K. Investments Ltd, li hi rappreżentata minnu stess, m'appuntatx żewġ diretturi oħra, kif kellha l-jedd tagħmel, biex b'hekk il-bord tad-diretturi jkun kompost *ai termini* tal-Memorandum. Kien il-jedd tiegħu li jagħmel dan u l-azzjonisti l-oħra ma kellhom l-ebda ghazla dwar jaċċettawx jew le n-nomina tal-istess diretturi.

Mill-banda l-oħra ma kien hemm xejn x'jipprekludi lir-rikorrenti milli jinnominaw huma wkoll id-diretturi tagħhom bħala rappreżentanti tal-ishma li kienu jappartjenu lilhom. Huma jġibu l-argument li dan kien minħabba l-fatt li tali Diretturi kienu jkunu f'periklu minħabba li setgħu jkunu responsabbli ta' deċiżjonijiet li ma kinux ikunu jafu bihom. Din il-Qorti ma taqbilx illi r-rikorrenti ma nnominawx id-diretturi tagħhom għax b'hekk komplew jiddistakkaw ruħhom u jnaqqsu mill-jeddijiet tagħhom li jkunu jafu sew x'qed jiġri u jiehdu l-mizuri opportuni f'kaz u fl-eventwalità illi dak minnhom allegat kien veru.

Minkejja dan, bħala l-azzjonista maġġoritarja kienet fir-responsabbilità ta' P.D.K. Investments Limited li taċċerta li l-Bord tad-Diretturi jkun kostitwit u la hu ċar li setgħet tagħmel dan għax kellha l-jedd hi li tappunta l-ħames diretturi (kif anke kkonfermat mill-intimat Patrick Vella stess u li fil-fatt fil-passat kellha aktar diretturi nnominati fuq il-Bord) ma tistax bl-ebda mod tgħid li l-fatt li l-Bord ma kienx kompost kien attribwibbli lir-rikorrenti għax hi setgħet innominat id-diretturi biex b'hekk il-Bord tad-Diretturi kien ikun kompost u dana mhux biss fl-interess tas-soċjetà P.D.K. Investments Limited iżda fl-interess tas-soċjetà Leisure and Theme Park Limited, in ġenerali.

**Għalhekk din il-Qorti tilqa' l-ilment tar-rikorrenti li l-Bord tad-Diretturi tas-soċjetà Leisure & Theme Park Limited mhuwiex kompost ai termini tal-Memorandum & Articles of Association tal-Kumpanija.**

**<u>It-traskuraġni grossolana fl-andament tal-affarijiet b'tali mod illi l-kumpanija għandha dejn ma' diversi Dipartiment u Awtoritajiet li qed jinkorru multi u interessi</u>**

It-tieni ilment tar-rikorrenti huwa rigward traskuraġni fit-tmexxija tal-kumpannija li wasslet sabiex il-kumpanija għandha diversi djun li qed jinkorru multi u interessi.

Il-Qorti tinnota li d-djun tal-kumpanija huma konsiderevoli u bl-ebda mod m'huma kkontestati mill-intimati. F'dan ir-rigward il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u l-ispjegazzjoni estensiva li ngħatat fil-provi mressqa mill-intimati fir-rigward tad-djun u kif qed jiġu ndirizzati.

Ma hemmx f'dubju f'moħħ din il-Qorti li d-dejn tul is-snin naqas u m'hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti wkoll li kumpanija li tiggestixxi negozju tal-kwalità li għandha l-kumpanija *de quo*, trid kontinwament tinvesti u taġġorna sabiex tibqa' kompetittiva.

Din il-Qorti hija sodisfatta bl-ispjegazzjoni moghtija mill-intimati dwar kif inħoloq id-dejn u tqis illi d-disfatta fl-investiment li seta' mar ħażin f'Marine Land Limited ma kienx attriwibbli għal tmexxija kurrenti ħażina tal-kumpanija. Il-Qorti tifhem ukoll l-effett li jista' jkun hemm fuq l-andament tal-kumpannija rizultat ta' miżuri li mhumiex fil-kontroll tat-tmexxija tal-kumpanija li jkollhom impatt sinifikanti fuq id-dħul tagħha - bħal ma huma reċessjonijiet internazzjonali, leġislazzjoni ġdida li titlob ċertu spejjeż kif ukoll proġett pubbliċi bhal dak ta' Triq il-Kosta - li bla dubju wkoll iħallu l-konsegwenzi tagħhom.

Il-Qorti tosserva li l-intimati għamlu l-almu tagħhom sabiex id-djun ma jegħrqux lill-kumpanija u li fil-fatt fl-aħħar snin id-dħul żdied u l-persentaġġ tad-dejn naqas. Il-Qorti tifhem li mhux kull persuna jipperċepixxi d-djun bl-istess mod, iżda, speċjalment in vista tax-xhieda tal-awditur Hector Spiteri, ma tarax li jirrizulta illi kien hemm xi traskuraġni grossolana fil-mod kif tmexxew il-finanzi tal-kumpanija.

**Għalhekk din il-Qorti tiċħad l-ilment tar-rikorrent li kien hemm traskuraġni grossolana fl-andament finanzjarju tal-kumpanija.**

## Is-Sigurtà tal-Park 'Splash & Fun'

Ir-rikorrenti jilmentaw li huma kkonċernati dwar is-sigurtà tal-Park stante li minkejja li sar *risk assessment* fl-2015 ma ttieħdux miżuri korrettivi. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota li dan ir-*risk assessment* ma jirriżultax mill-atti. Minn naħa l-oħra l-intimat ippreżenta korrispondenza datata l-1 ta' Lulju 2016 (a fol 1448) mibgħuta minn Charles Azzopardi għan-nom ta' Absolute Occupation Health & Safety Services li tgħid is-segwenti:

*I hereby confirm that a considerable amount of non-conformoties identified at Splash & Fun Park during my inspection of last March have been tackled and last Monday a new inspection has been performed.*

B'hekk ċertament li almenu ma jistax jingħad illi ma ttieħdu ebda miżuri korrettivi.

**Għalhekk din il-Qorti tiċħad l-ilment tar-rikorrenti dwar is-sigurtà tal-iSplash & Fun Park, għalkemm tibqa' pre-okkupata dwar iż-żamma tas-sigurtà tal-Park fl-ahjar interess tal-klijentela tal-istess kumpanija qabel xejn imma konsegwentement ukoll tal-istess kumpanija.**

## Il-Kontijiet Annwali ilhom ma jiġu ppreżentati lill-Awtoritajiet ikkonċernati mill-2013

Ir-rikorrenti, meta ntavolaw il-proċeduri, sostnew li kien ilhom ma jiġu ppreżentati kontijiet annwali lill-awtoritajiet ikkonċernati mill-2013.

Mid-dokumenti esebiti mir-rappreżentant tal-MFSA jirriżulta li l-kontijiet annwali tas-sena 2013 ġew sottomessi fis-9 ta' Marzu 2015 (fol 397), tas-sena 2015 ġew sottomessi fid-29 ta' Novembru 2017 (fol 378), tas-sena 2016 ġew sottomessi fit-23 ta' Jannar 2018 (fol 361) mentri ma' jirriżultawx dokumenti relattivi għall-kontijiet annwali tas-sena 2014, minkejja li hemm diversi xhieda li jgħidu li ġew ippreżentati.

B'hekk għalkemm mhuwiex minnu li ma ġewx ippreżentati ebda kontijiet annwali mis-sena 2013 sa meta ġew intavolati dawn il-proċeduri, jirriżulta li tas-sena 2013 ġew sottomessi tardivament.

Minkejja li sal-lum l-kontijiet annwali fil-maġġor parti tagħhom ġew ippreżentati, hija irresponsabilita` u traskuraġni kbira da parti tas-soċjetà intimata u d-diretturi tagħha li tali sottomissjonijiet jew ma sarux jew saru tardivament. L-intimat Patrick Vella jittenta jiġġustifika t-tardività bil-fatt li kien isib diffikultà li jsejjaħ laqgħa ġenerali stante l-attitudini tar-rikorrenti, iżda mill-provi miġjuba jirriżulta li dawn it-tentattivi da parti tiegħu biex isejjaħ il-laqgħa ġenerali annwali saru mill-2016 'l quddiem u b'hekk ma jiġġustifikaw bl-ebda mod dak li ġara bejn l-2013 u l-2016. Naturalment, dan isarraf f'penali li jkunu għad-detriment ta' kull min hu involut għax huwa fl-interess ġenerali tal-kumpanija li ma taqax lura fis-sottomissjonijiet tagħha, ma jiddekorrux multi u li żżomm ir-reputazzjoni tagħha f'dan ir-rigward nadifa.

Oltre minn hekk, il-fatt li ma saritx u ma ssejħitx il-laqgħa ġenerali annwali ukoll fih innifsu hu ħażin iżda dan ma jistax ikun attribwit biss lill-intimat Patrick Vella iżda lill-partijiet kollha li kellhom il-fakultà jitolbu li tissejjaħ il-laqgħa iżda dan m'għamluhx, għax, kif jirriżulta mix-xhieda ta' uħud mir-rikorrenti, ma kienx fi dmirhom li jagħmlu dan. Il-Qorti tqis li l-partijiet bħala azzjonisti jaħtu ugwalment f'dan ir-rigward.

**Għalhekk din il-Qorti tilqa' l-ilment tar-rikorrenti li kien hemm nuqqas da parti tal-intimati fil-kapaċità tagħhom ta' diretturi fir-rigward tan-nuqqas ta' sottomissjoni jew sottomissjoni tardiva tal-Kontijiet Annwali lill-Awtorità kompetenti b'dan illi l-partijiet huma lkoll responsabbli tan-nuqqas li jsejjħu Laqgħa Ġenerali.**

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Għalhekk, in vista tas-suespost, la darba sabiex azzjoni tirnexxi taħt l-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta jeħtieġ li tkun teżisti biss waħda mis-sitwazzjonijiet, u ġialadarba din il-Qorti jirriżultalha li r-rikorrenti rnexxielhom għas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti jippruvaw tnejn mill-ilmenti tagħhom, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet rikorrenti u tipprovdi r-rimedji ai termini tal-Artikolu 402(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid testwalment hekk:

*(3) Jekk dwar rikors magħmul skont is-subartikolu (1) jew (2), il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bażat sewwa u li jkun ġust u ekwu li hekk tagħmel, il-qorti tista' tagħmel ordni taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa –*

*(a) li jirregola t-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpanija fil-futur; jew*
*(b) jirrestrinġi jew jipprojbixxi l-għemil ta' xi att propost; jew*
*(ċ) jeħtieġ lill-kumpanija li tagħmel xi att li r-rikorrent ikun ilmenta li kienet naqset li tagħmel; jew*
*(d) jipprovdi għax-xiri tal-azzjonijiet ta' xi membri tal-kumpanija minn membri oħra tal-kumpanija jew mill-kumpanija nnifisha u, f'każ ta' xiri mill-kumpanija, għat-tnaqqis li jkun meħtieġ fil-kapital azzjonarju maħruġ tal-kumpanija; jew*
*(e) jordna lill-kumpanija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix proċedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpanija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux proċedimenti tal-qorti f'isem u għan-nom tal-kumpanija; jew*
*(f) jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens minn dik il-persuna li tista' tkun instabet responsabbli mill-qorti għal telf jew danni li jkunu ġġarrbu minħabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun ġarrbet dak it-telf jew danni; jew*
*(g) ixolji l-kumpanija u jipprovdi għall-istralċkonsegwenzjali tagħha.*

Il-Qorti fliet sew dan is-subartikolu in vista tal-fattispeċi tal-każ u hi tal-fehma li għalkemm hemm nuqqasijiet li jistghu jitqiesu serji u ohrajn li jistghu anke jirrizultaw serji fil-futur, ċertament ma hemmx nuqqasijiet li jimmeritaw azzjoni drastika u għalhekk ser tkun qed tagħti r-rimedji li jidhrilha hi xierqa għal tmexxija aħjar tal-kumpanija kif inhu fid-diskrezzjoni tagħha li tagħmel, u dan sabiex izomm element ta' kontinwità imma ukoll sabiex tirrimedja għas-sitwazzjonijiet partikolarment fejn il-Bord tad-Diretturi mhuwiex kompost u l-fatt li l-kontijiet annwali ma ġewx sottomessi jew ġew sottomessi b'mod tardiv bil-ghan illi il-kumpannija tilħaq livelli ta' governanza tajba fl-interess tal-partijiet kollha, inkluż dawk li jilmentaw illi ma jingħatawx biżżejjed informazzjoni. Il-Qorti trid għalhekk ukoll tassigura

illi jinzammu l-laqghat kollha necessarji fiz-zmien opportun u li jkunu studjati l-materji illi jistghu qed jipperikolaw is-sigurta' tal-park bil-ghan illi jkunu fl-ewwel lok evitat incidenti u fit-tieni lok evitat gwaj lill-kumpannija.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant,** il-Qorti, wara li fl-fliet bir-reqqa l-provi kollha mressqa, wara illi qieset l-atti kollha u għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha kif hawn fuq jingħad, tqis illi jkun ġust u ekwu illi tipprovdi għat-talbiet tar-rikorrenti billi, filwaqt illi **tiddikjara** illi l-ilmenti tar-rikorrenti *ai termini* tal-Artikolu 402(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sodisfatti, il-Qorti qed tgħaddi sabiex tagħti rimedji *ai termini* tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 402 u għalhekk, b'emfasi fuq it-tmexxija tal-kumpanija fil-futur, qegħda:

1. **Tordna** lill-partijiet azzjonisti kollha fil-kumpanija **Leisure and Theme Park Limited (C-8161)** sabiex, fejn meħtieġ, fi żmien xahrejn mid-data li din id-deċiżjoni tgħaddi in ġudikat, huma jappuntaw id-diretturi rispettivi sabiex iservu fuq il-Bord tad-Diretturi tas-soċjetà intimata **Leisure and Theme Park Limited (C-8161)** u jikkomunikaw l-ismijiet tad-Diretturi rispettivi lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex il-Bord ikun kompost *ai termini* tal-klawsola numru sitta tal-*Memorandum & Articles of Association* tal-imsemmija kumpanija.

2. **Tordna** illi b'effett mill-jum illi jgħaddi in ġudikat dan il-provvediment, il-*memorandum and articles of assocation* tal-kumpanija **Leisure and Theme Park Limited (C-8161)** jkunu soġġetti għal dak kollu li qed ikun ordnat li jsir bis-saħħa ta' dan il-provvediment, safejn dan ikun inkompatibbli jew nieqes mill-*memorandum and articles of assocation* attwali.

3. **Tinnomina** lil **Professur Andrew Muscat** sabiex iservi bħala non-executive *Chairperson* tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija Leisure and Theme Park Limited u dan sabiex jassigura, <u>fost oħrajn</u>, b'rispett lejn il-*Memorandum & Articles of Association* tal-kumpanija, dan il-provvediment u l-liġi:

a) Il-*good corporate governance* tal-kumpanija u b'hekk jistabilixxi prinċipji, regoli u prattiċi illi jwasslu biex minn issa 'l quddiem, il-kumpanija titmexxa mill-prinċipju ta' *good corporate governance*, fl-interess tas-soċji, tad-diretturi, ta' kull parti interessata, tal-kumpanija nnifisha u ta' terzi;

b) li l-Bord tad-Diretturi jkun dejjem kompost skont l-istatut tal-kumpanija,

c) li l-Bord jitlaqqa' regolarment b'aġenda mħejjija minnu u filwaqt illi huwa jattendi u jippresjedi l-istess laqgħat, bi dritt biss ta' vot deċiżiv (casting vote) fejn il-vot ikun indaqs, jara illi l-laqgħat jitmexxew in *buona fede* u b'buon ordni kif imiss,

d) li l-Bord jieħu ħsieb illi jżomm il-laqgħat ġenerali annwali skont l-istatut u kwalsiasi laqgħat ġenerali oħra illi minn żmien għal żmien jistgħu jkunu neċessarji,

e) li l-Bord jissottometti kwalsiasi dokumentazzjoni li l-kumpanija ghandha b'lura ma' kwalsiasi entita' regolatorja,

f) li l-Bord jiehu hsieb jikkummissjona mill-gdid rapport dettaljat minn entità professjonali dwar is-sigurtà tal-park, u dan preferibbilment qabel il-ftuħ tal-istaġun tas-sajf illi ġej, u jara illi d-diretturi jieħdu ħsieb illi jaffetwaw minnufih kwalsiasi rakkomandazzjoni li tali rapport jista' jsemmi u jikkonkludi,

g) li kull membru tal-Bord jottjeni kwalsiasi dokumentazzjoni u informazzjoni legittima illi tkun mitluba sabiex jiġi assikurat illi l-membri kollha tal-Bord tad-Diretturi jkollhom stampa sħiħa tal-istat attwali tal-kumpanija, kemm mill-att finanzjarju u kif ukoll mill-att operattiv fost oħrajn, sabiex, il-Bord jadotta *a forward looking approach* bil-għan lli l-kumpanija tkompli tagħmel dejjem aktar qligħ u tkun dejjem aktar sostenibbli,

h) li, jekk hemm bżonn bil-għajnuna tal-awdituri tal-kumpanija, jara illi jkun hemm stampa ċara tal-istat attwali tad-djun tal-kumpanija u jitnieda programm miftiehem, ċar u definit, ta' kif il-kumpanija

beħsieha tħallas, almenu l-aktar djun urġenti u dawk id-djun illi jistgħu mhux qegħdin jgħinu fl-aħjar amministrazzjoni profitabbli tal-kumpanija;

i) li l-Bord jieħu ħsieb illi l-kumpanija jkollha l-liċenzji kollha neċessarji mħallsa sabiex topera l-park, illi l-kumpanija tara illi tħallas l-pagi tal-impjegati fiż-żmien u illi l-kumpanija twaqqaf b'mod immedjat kwalsiasi prattika illeċita jew illegali u tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha mill-aktar fis,

j) li l-Bord iressaq għad-diskussjoni u deċiżjoni kwalsiasi materja neċessarja għall-aħjar andament tal-kumpanija, mhux l-anqas, mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, anke għaż-żamma ta' laqgħat ġenerali anke straordinarji, bil-għan illi jkunu mressqa għall-approvazzjoni kwalsiasi emendi wkoll għall-*Memorandum & Articles of Assocation* tal-Kumpanija jekk ikunu neċessarji.

u dana,

i. a spejjeż tas-soċjetà Leisure and Theme Park Limited, u għal dan il-għan il-Qorti qed tordna illi r-renumerazzjoni <u>annwali</u> taċ-*Chairperson* hekk nominat tkun ta' għaxart elef Euro (€10,000) (eskluz mill-VAT jekk applikabbli), jew somma oħra illi tista' tiġi miftehma bejn iċ-Chairperson nominat u l-Bord tad-Diretturi, u qed tordna illi s-soċji tal-kumpannija jkunu responsabbli għall-ħlas tar-remunerazzjoni hawnhekk stabbilita flimkien u *in solidum* mal-kumpanija, u

ii. billi b'effett immedjat, il-Qorti qed tordna illi c-Chairperson hekk mahtur ikollu viżibilità u aċċess sħiħ u liberu għal dak kollu li jirrigwarda l-kumpanija, inkluż imma mhux esklussivament, mill-aspett finanzjarju u kif ukoll mill-aspett organiżattiv u operattiv, u

iii. billi sakemm ikun maħtur il-Bord tad-Diretturi skont l-istatut kif fuq ordnat, ma jsir xejn fil-kumpanija sakemm ma jkunx ġie approvat miċ-Chairperson hekk maħtur, u jekk isir att mil-lum sa dakinhar li ma jkunx ġie approvat miċ-Chairperson nominat, allura l-att ikun null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha legali sakemm iċ-Chairperson

nominat ma' japprovax tali att. Dan jibqa' jgħodd sakemm ikun kostitwit il-Bord tad-Diretturi skont il-*memorandum and articles of assocation* u, sakemm iddum viġenti n-nomina taċ-Chairperson hekk maħtur, sakemm, jekk ikun il-każ, il-Bord ma jkunx hekk kostitwit skont l-istatut tal-kumpanija, u

iv. liema nomina ta' Chairperson tibqa' viġenti sa żmien tlett snin minn meta din id-deċiżjoni tgħaddi in ġudikat, u,

v. bl-intendiment ċar illi c-*Chairman* hekk nominat ma għandux jitqies illi huwa direttur għal finijiet u effetti kollha tal-liġi u konsegwentement ma jassumi ebda obbligi fil-liġi illi għandhom jiġu assunti mid-diretturi jew uffiċjali oħra tal-kumpanija skont il-liġi, u

vi. bl-ordni hawnhekk magħmula illi revoka jew varjazzjoni ta' dan il-provvediment ikun jista' jsir biss bil-permess tal-Qorti, wara l-preżentata ta' rikors mill-azzjonisti kollha u wara li tkun għaddiet b'vot unanimu riżoluzzjoni għal dan il-għan waqt laqgħa ġenerali tal-kumpanija.

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jkunu sopportati mill-partijiet indaqs bejniethom.**

Finalment, il-Qorti tordna **lir-Reġistratur tal-Qorti** sabiex minnufih jibgħat kopja legali ta' dan il-provvediment **lir-Reġistratur tal-Kumpanniji** sabiex dan jirregola ruħu u tordna l-komunika tal-istess deċiżjoni lill-Professur Andrew Muscat.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**